# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXIII Vol XIII Nru. 161 April - Ġunju 2012



## 'Sultana tal-Familja'

Rivista mahruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Ghawdex

# Madonna Ta' Pinu

Perjodiku ta' kull tliet xhur

Sena XXXIII Vol XIII Nru. 161
April - Ġunju 2012






**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Ivan Attard, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*



**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
*L-Editur, "Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187* *Fax: 2156 2350*
*E-mail: tapinupublications@tapinu.org*


**Abbonament għas-sena 2012:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | € 6.00 |
| *Ewropa* | € 14.00 |
| *Barra mill-Ewropa* | € 18.00 |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |

**Tinsiex iġġedded l-Abbonament għas-sena 2012**

**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** *Dehra tal-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu*

***Wara:*** Programm tal-Festa tal-Madonna Ta' Pinu fis-Santwarju

***Ritratti***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Gerard Buhagiar, Daniel Cilia, Joseph Louis Meilaq, Joseph Xuereb, Max Xuereb.*


**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2012
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## F'din il-Ħarġa...


**1** Il-Kelma tar-Rettur *Xi tfakkar il-festa tal-Madonna Ta' Pinu?*

**3** "Itolbuha bit-titlu ta' *Sultana tal-Familja*"

**5** Insaħħu l-familja

**10** Inkomplu bir-restawr tal-*istained glass*

**11** Irrestawrata n-niċċa fuq l-Għolja Ta' Għammar

**12** Il-ħidma tal-Kummissjoni Djoċesana Familja

**14** Messaġġ lill-ommijiet

**15** Il-familja ta' Nazareth tikkumbatti mal-mewġ tal-ħajja

**18** Skola Marjana

**19** Marija fil-Mużika

**22** English Corner *Mary and the family*

**24** Mid-Dinja Marjana

**27** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**32** Magħhom infaħħru lil Alla

**33** L-Għanja tal-Qaddejja Il-15-il parti

**35** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**36** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


### Intenzjoni ta' din il-Ħarġa



**Inpoġġu l-familji kollha tagħna taħt il-ħarsa materna tal-Madonna Ta' Pinu**




# Xi tfakkar il-Festa tal-Madonna Ta' Pinu?

Xi xhur ilu, persuna minn Malta li ġiet iżżur għall-ewwel darba s-Santwarju Ta' Pinu, għamlitli din il-mistoqsija: *"Xi tfakkar il-Festa tal-Madonna Ta' Pinu li ssir f'Ġunju?"*. Kienet mistoqsija f'postha, għax naħseb mhux kulħadd jaf it-tifsira ta' din il-festa għażiża għall-poplu Malti u Għawdxi. F'dawn il-ftit versi, mela, ser naraw ftit xi nfakkru nhar it-22 ta' Ġunju u xi tfisser għalina din il-festa Marjana.

Kien nhar it 22 ta' Ġunju 1883, eżattament 129 sena ilu, li mill-kwadru għażiż tal-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema nstema' leħen jgħid: *"EJJA... EJJA..."*. Dawn kienu l-ewwel kelmiet li ħarġu jidwu saħansitra 'l barra mill-kappella ċkejkna... kelmiet li ma tarux mar-riħ u ntilfu, għax daħlu fil-widnejn ta' Karmela Grima, anzi fil-qalb tagħha, u wassluha biex tidħol fis-skiet tal-kappella u hemm tagħmel esperjenza tal-imħabba tal-Omm tas-Sema. Il-leħen mill-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu stieden lil Karmela Grima biex tgħid tliet Ave Marija f'ġieħ it-tlett ijiem li l-ġisem tagħha dam fil-qabar qabel ma daħal fil-glorja tas-Sema. Ta' min ifakkar li l-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu juri preċiżament il-misteru ta' meta l-Verġni Marija ġiet mgħollija fis-Sema bir-ruħ u bil-ġisem.

Mela m'aħniex infakkru xi dehra jew xi miraklu ta' fejqan, iżda qed niċċelebraw il-festa tas-*Sejħa* tal-Madonna Ta' Pinu. Meta ngħid niċċelebraw, ifisser ngħixu bil-ferħ mill-ġdid dak li ġara snin ilu u nġedduh illum. Iva, il-Madonna Ta' Pinu minn dan is-santwarju tagħha għadha ssemma' leħinha u twassal l-istedina tagħha. Il-Verġni Marija għadha tistieden lil kull bniedem biex jagħti widen u jisma' l-leħen ta' Binha, dak li – kif kien isejjaħlu San Ġorġ Preca – huwa *"Leħen il-Maħbub"*.

Nistgħu ngħidu li l-Kotba Mqaddsa huma ġabra sħiħa tal-istedina ta' Alla lill-bniedem. Naraw lil Alla jsejjaħ lil Abraham, lil Mosè, lil David u lil tant profeti... saħansitra



jistieden lil Marija biex tkun Omm il-Verb Inkarnat. Marija tilqa' din is-sejħa u tistqarr: *"Hawn jien, il-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek"* (Lq 1:38). Din l-istedina ta' Alla lill-bniedem tkompli: Kristu jħalli Nazareth u jimxi fit-toroq tal-Galilija, u jsejjaħ u jistieden lil Pietru, Ġwanni, Indrì u oħrajn biex ikunu dixxipli tiegħu. Din is-sejħa divina nsibuha diversi drabi u lil kull kategorija ta' nies:

- *"Ejjew u taraw" (Ġw 3.39), "Ejja warajja"* (Ġw 3:39);
- *"Ejjew miegħi intom biss weħidkom f'xi post imwarrab, u strieħu ftit"* (Mk 6:31);
- *"Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom"* (Mt 11:28);
- *"Ħalluhom it-tfal iż-żgħar jiġu għandi…"* (Mt 19:14).

Il-Vanġelu jurina wkoll li l-Verġni Marija nfisha tistieden lill-qaddejja biex jersqu lejn Ġesù u jagħmlu dak li jgħidilhom: *"Agħmlu kulma jgħidilkom hu"* (Ġw 2:5)… u bir-raġun! Għaliex min huwa l-qaddej? Huwa dak li jkun qrib is-sid tiegħu u jagħmel dak kollu li jgħidlu. Għalhekk il-Verġni Marija tilqa' l-istedina ta' Alla u tgħidlu: *"Hawn jien, il-qaddejja"*. Dan kollu Ommna Marija għadha tgħamlu llum: għadha tistieden lil kull wieħed u waħda minna biex nilqgħu kull stedina tal-Mulej, għaliex hekk biss nistgħu nduqu l-ferħ veru.

F'din il-ħarġa qed nirriflettu fuq it-titlu li l-Papa Beneditttu XVI ta lill-Madonna Ta' Pinu, meta nhar it-18 ta' April, qabel ma poġġa l-Warda tad-Deheb f'riġlejha, qalilna: *"Itolbuha u sejħulha Sultana tal-Familja!"*. Is-Saltna ta' Marija hija saltna ta' servizz u ta' qadi u mhux saltna ta' poteri. Marija hija s-Sultana u l-Qaddejja tal-Familja. Dak li seħħ f'Kana permezz tal-interċessjoni tagħha, għadu u jibqa' jitwettaq ma' kull familja li tistieden lil Marija biex tkun preżenti fil-ħajja tagħha. Min-naħa tagħha, il-Verġni Marija tibqa' twassal lil kull familja l-istedina ta' Kristu biex timxi warajh.

Jixraq, għalhekk, li waqt li niċċelebraw il-Festa tal-Madonna Ta' Pinu, kull persuna u kull familja tgħarbel ftit lilha nfisha u tistaqsi:

- Nemmnu li l-istedina ta' Alla hija stedina ta' mħabba u ferħ?
- Qed insibu ħin biex nisimgħu l-Kelma ta' Alla?
- Lesti li nibnu ħajjitna fuq dak li jgħidilna l-Mulej?
- Għaliex ħafna drabi fil-knisja nġibu ruħna mod u barra mill-knisja ngħixu bħallikieku mhemmx Alla?
- Qed ngħixu tassew b'ħarsitna lejn is-Sema waqt li nibqgħu b'saqajna fl-art?

Ejjew noqogħdu fis-skiet ta' djarna jew fis-skiet tal-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu u nitolbuha tkun is-Sultana tal-Familja li tkompli twasslilna l-istedina ta' Binha biex ilkoll inkunu dixxipli veri tiegħu. ♦



# "Itolbuha bit-titlu ta' *Sultana tal-Familja*"

**Mons. Renato Borg**

It-18 ta' April 2010 għandu jibqa' data mfakkra b'għożża kbira f'rabta mal-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu. Dan mhux biss għar-raġuni li l-Papa Benedittu XVI fuq il-Fosos tal-Furjana offra l-Warda tad-Deheb lill-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu, iżda fuq kollox għaliex għamel sejħa lill-Insara kollha biex isejħu lill-Madonna Ta' Pinu bit-titlu ta' "*Sultana tal-Familja*". Il-Papa għamel dan bi kliem ċar u fl-istess ħin imqanqal: "*B'mod partikolari nitlobkom li titolbuha (lill-Madonna Ta' Pinu) bit-titlu ta' Sultana tal-Familja, titlu li kien miżjud fil-Litanija Lawretana mill-maħbub predeċessur tiegħi l-Papa Ġwanni Pawlu II, li kien għal diversi drabi mistieden f'din l-art*".

Tassew li hija sejħa partikolari li għamel dakinhar il-Papa Benedittu XVI, għaliex jekk aħna nqallbu t-tagħlim tiegħu sal-lum, għadu qatt ma applika dan it-titlu għal xi xbieha oħra partikolari. Dan jagħti x'jifhem li tassew kellu f'moħħu li x-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu kellha tkun sejħa kontinwa għall-Knisja Universali biex tirrikorri lejha bħala Sultana tal-Familja u titlobha għall-ħtiġijiet li fihom jinsabu l-familji. Il-Papa Ġwanni Pawlu II, għad li kien daħal fil-Litanija Lawretana dan it-titlu ta' "Marija Sultana tal-Familja", qatt ma kien applikah għal xi xbieha partikolari. Għalhekk nistgħu ngħidu li bħalma l-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu jġorr fih il-messaġġ li kien ingħata lil Karmni Grima biex jingħadu tliet Ave Marijiet f'ġieħ it-tlitt ijiem li damet fil-qabar u allura jistqarr it-Tlugħ tal-Verġni Marija bir-ruħ u l-ġisem fil-glorja tal-Ġenna, hekk ukoll fuq il-kelma tal-Papa Benedittu XVI għandna nqisu l-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu bħala sejħa biex nitolbu lis-Sultana tal-Familja ħa tkun hi li ssaltan fuq il-familji tad-dinja kollha.

## X'tifsira għandha għalina din is-sejħa?

1. L-ewwel u qabel kollox hija sejħa lill-Insara kollha biex jaraw jekk il-familji tagħhom humiex taħt is-setgħa ta' din is-Sultana tagħna kollha ħniena u tama. Il-familja tkun tassew tista' tgħid li għandha lil Marija bħala Sultana tagħha meta ma tħallix ċerti kurrenti ta' ħsieb kif ukoll ċerti stili ta' ħajja jaħkmu u jmexxuha lejn il-qerda tagħha nfisha. Dawn il-kurrenti ta' ħsieb u dawn ix-xejriet u stili oħra ta' ħajja li jmorru kontra t-tagħlim ta' Binha Ġesù żgur li ma jħallux li l-familja tkun parti mis-saltna ta' Marija. Dan jidher ċar fl-episodju tat-Tieġ ta' Kana, meta l-Verġni Mbierka daret fuq il-qaddejja u qaltilhom: "*Agħmlu dak li*



*jgħidilkom Hu*". L-istess tgħid is-Sultana tal-Familja lil kull familja li tassew trid li l-Verġni Mbierka taħkem fuqha: "*Agħmlu dak li jgħidilkom Hu*". Meta l-familja ma twettaqx dak li jrid minnha Ġesù Kristu, titbiegħed mit-tagħlim tiegħu u ta' dawk li Kristu ħalla f'idejhom il-missjoni li jwasslu l-Bxara t-Tajba, il-Vanġelu tal-Familja. Allura l-familja tkun qed tagħlaq il-bieb ta' darha għall-preżenza ta' Ġesù. Fejn m'hemmx Ġesù żgur li m'hemmx Ommu Marija. Meta l-familja tħalli li Marija tkun Sultana tagħha, allura dik il-familja tgħix fil-paċi u jkollha ċerta serenità anki fid-diffikultajiet u l-problemi tal-ħajja. F'dawn il-mumenti huma jsibu l-faraġ u l-għajnuna ta' din is-Sultana li hija wkoll Omm. Min irid il-ġid u l-paċi fil-familja tiegħu, ma jistax ma jaħtarx lil Marija bħala Sultana tal-familja tiegħu.

2. Li Marija tissejjaħ u hija tassew "Sultana tal-Familja" ifisser li aħna nistgħu nduru lejha b'fiduċja u nitolbuha fil-bżonnijiet kollha tagħna. Ma ninsewx li din is-Sultana kienet ukoll Omm, kienet mara tal-familja, li bħal kull familja oħra għaddiet mid-diffikultajiet u l-problemi tal-ħajja. Bħal kull ġenitur ieħor hija wkoll kellha fuqha r-responsabbiltà tal-edukazzjoni ta' Binha Ġesù. Is-sudditu jmur fejn is-sultana tiegħu għax jaf li hi tista' tagħtih dak li għandu bżonn u li mingħajr l-għajnuna tas-sultana ma jseħħlux jakkwista dak li jeħtieġ. Hekk ukoll il-familji tagħna jeħtieġ li jidraw jintelqu iktar f'riġlejn is-Sultana tal-Familja u jpoġġulha quddiemha l-ħtiġijiet kollha tagħhom. Hi żgur li mhux ser tonqos milli tagħti lis-sudditi u lill-istess uliedha dak li tassew jeħtieġu għall-ġid tal-familja tagħhom. M'għandu qatt jonqos fid-dar ta' kull familja t-talb lil din is-Sultana tal-Familja, b'mod partikolari bit-talba tant għażiża għaliha, it-talba tar-Rużarju.

3. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, li Marija tkun Sultana tal-Familja jfisser li aħna nfasslu l-ħajja tal-familja fuq il-virtujiet tagħha billi nimitawha. Xi tfisser ir-regalità ta' Marija? Aħna wkoll permezz tal-Magħmudija naqsmu mir-regalità ta' Kristu, Saċerdot, Profeta u Sultan. Ir-regalità, jew li wieħed jew waħda jsaltnu, ifisser li tkun kapaċi taqdi. "*Hawn jien, il-qaddejja tal-Mulej*" nistgħu nittraduċuha fil-kliem "*Hawn jien, lesta li nsaltan*". Jekk il-familji tagħna jridu jaqsmu mal-Verġni Mbierka din ir-regalità ta' Sultana tal-Familja, għandhom ilkoll kemm huma jkunu qaddejja, qaddejja tal-ħajja u qaddejja fis-servizz u fl-għotja tagħhom infushom.

Xtaqt nagħlaq dan il-ħsieb tiegħi billi nitlobkom tilqgħu micgħi s-scjħa tal-Papa Benedittu XVI u titolbu lill-Madonna Ta' Pinu: "Madonna Ta' Pinu, Sultana tal-Familja, ħarstek fuqna dejjem żomm". ♦

# Insaħħu l-familja



**Ittra Pastorali (24/2012)**
**ta' Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex**

Lis-Saċerdoti, Reliġjużi rġiel u nisa, Persuni kkonsagrati u lajċi Nsara.

Fostna hawn ħafna li jemmnu li l-familja hija l-aqwa teżor li għandhom il-Knisja u l-pajjiż. Il-familja hija riżorsa umana, soċjali, ekonomika u spiritwali. Ma nsibx kliem biex nuri l-apprezzament tiegħi għas-sens ta' dedikazzjoni u l-ispirtu ta' sagrifiċċju li hemm fil-parti l-kbira tal-familji tagħna. Huwa verament il-każ li d-demm qatt ma sar semm. Il-poplu tagħna tant għadu jgħożż il-familja li, għal ħafna, l-inkwiet fil-familja huwa l-ikbar diżgrazzja li jista' jkollhom! Mhux rari li meta jitfaċċa xi saram familjari, il-familji jgħaqqdu l-forzi tagħhom biex jaraw kif isolvuh.

## Konsultorju tal-Familja

Bl-għan li takkumpanja u twieżen lil kull familja, b'mod speċjali lil dawk li jogħtru matul il-mixja tagħhom, bi pjaċir ngħarrafkom b'inizjattiva ġdida li qed tieħu l-Knisja f'Għawdex. Wara li f'dawn l-aħħar snin il-Kummissjoni Djoċesana Familja organizzat programmi ta' formazzjoni kemm għall-għarajjes u kemm għall-koppji li jinsabu fl-ewwel snin tal-ħajja miżżewġa, f'dawn il-jiem inawgurajna l-Konsultorju tal-Familja. Fil-futur qarib f'dan iċ-ċentru, li jinsab fil-kumpless tas-Santwarju Ta' Pinu, ser ikun hemm servizzi ta' għajnuna spiritwali, psikoloġika, medika, legali u fit-tmexxija amministrattiva. Hija x-xewqa tagħna li permezz ta' din l-għajnuna l-Knisja tkun għal darb'oħra qed tagħti sehemha fit-tisħiħ tal-familji tagħna. Dan ikompli ma' u jikkumplimenta dak li l-Knisja ilha għal ħafna snin tagħmel biex issaħħaħ il-familja.

Dan iċ-ċentru tal-familja huwa providenzjali, meta wieħed iqis li f'dawn l-aħħar snin f'Malta jidher li twieled moviment li qed jitfa' dubji kemm dwar it-tifsira tal-familja u kemm dwar il-funzjoni u l-missjoni tagħha fis-soċjetà. Il-verità dwar in-natura u l-identità tal-familja kulma jmur qiegħda dejjem tiċċajpar. Inqas ma jkollna definizzjoni preċiża ta' x'inhi l-familja, aktar jikber it-taħwid. Ħadd ma jitkellem direttament kontra l-familja, imma jingħad jew jitwettaq ħafna li bħala effett fil-prattika jhedded lill-familja bħala ċ-ċellula fundamentali tas-soċjetà. Id-dħul tad-divorzju fil-liġi taż-żwieġ ta' pajjiżna hu biss sinjal wieħed ta' dan il-moviment.

Quddiem din it-theddida, mhux il-familji kollha jġibu ruħhom l-istess. Hemm dawk li

jibqgħu passivi għax mhumiex konxji ta' dak li qed jiġri jew jaħsbu li dak li qed jiġri qatt mhu se jolqot lilhom. Oħrajn huma konvinti li huwa biżżejjed li jgħixu l-ħajja tagħhom u ma jimpurtahomx minn dak li jiġri lil familji oħra jew lill-familji tal-ġejjieni. Hemm oħrajn li joftmu l-kompassjoni mill-verità, u taħt il-pretest tal-ħniena jċedu ċerti valuri fundamentali. Hemm oħrajn li jaħsbu li ma għandhom bżonn jagħmlu xejn għax hemm ħaddieħor li jiddefendi l-familja, bħalma huma l-Knisja, xi għaqda reliġjuża, jew xi grupp ta' nies bħal dawk li ħadu l-inizjattiva biex jipperswadu kontra d-dħul tad-divorzju f'Malta. Imbagħad jista' jkun hemm oħrajn li qatgħu qalbhom. Kull waħda minn dawn l-attitudnijiet turi li jew il-familja ma għandhiex għarfien biżżejjed dwar l-identità u l-missjoni tagħha fis-soċjetà, jew li l-familja qed titlef it-tama fiha nfisha.

## Ir-responsabbiltà soċjali u politika tal-familja

Minbarra l-missjoni fi ħdanha, il-familja għandha wkoll responsabbiltà soċjali. Qabel kollox il-familja hija msejħa biex turi solidarjetà mal-foqra u l-minsija. "Il-familji jistgħu u għandhom jagħtu ruħhom għal ħafna ħidmiet ta' servizzi soċjali, speċjalment favur il-foqra jew almenu dawk in-nies u dawk il-każijiet li s-servizzi soċjali u l-istituzzjonijiet tal-pajjiż ma jirnexxilhomx jilħquhom... Ta' min isemmi l-importanza li qiegħda tikseb dejjem aktar fis-soċjetà tal-lum l-ospitalità, fis-suriet kollha tagħha, sew jekk tiftaħ darek, u wisq aktar qalbek, għall-ħtiġijiet tal-aħwa, u sew jekk tħabrek b'mod konkret ħalli kull familja jkollha





d-dar tagħha" (*Familiaris Consortio*, 44). Imma li tillimita r-rwol tal-familji għal dan biss, huwa riduttiv u jxejjen ukoll l-identità vera tal-familja!

Illum, frott tal-mentalità individwalistika, minflok "soċjetà ta' familji" qed nimbuttaw 'il quddiem "soċjetà ta' individwi", u għaldaqstant aktar ħsiebna biex nipproteġu d-drittijiet tal-individwu milli d-drittijiet tal-familja! F'dan il-kuntest soċjali, hemm bżonn li l-familja tiġi indirizzata bħala istituzzjoni! Imma kif l-individwi jħossu l-bżonn li jingħaqdu biex jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom, l-istess jgħodd għall-familji tagħna. Il-bini ta' soċjetà aktar umana ma jistax ikun xogħol ta' familji waħedhom. Dan jitlob intervent politiku u pubbliku min-naħa tal-familja. "Il-familji għandhom ikunu l-ewwel li jħabirku biex il-liġijiet u l-istituzzjonijiet tal-pajjiż mhux biss ma jmorrux kontra, imma jsostnu u jiddefendu bil-qawwa kollha d-drittijiet u d-dmirijiet tal-familja... B'hekk huma jaslu biex jagħrfu li għandhom ikunu 'protagonisti' ta' dik li hija magħrufa bħala l-politika tal-familja" (*Familiaris Consortio*, 44). Min-naħa l-oħra s-soċjetà, jew aħjar l-Istat għandu jagħraf li l-familja, bħala soċjetà bid-dritt li joħroġ min-natura oriġinali tagħha stess (*Dignitatis Humanæ*, 5), għandha vuċi fil-kor nazzjonali. Minn dan tidher ċara l-importanza ta' għaqdiet ta' familji bħal *unions* tal-familji li, waqt li jirbħu l-"etika

individwalista", ikollhom il-possibbiltà li jkunu protagonisti fil-politika għall-familja. Għaqdiet ta' din ix-xorta jkunu jistgħu jgħassu ħalli l-liġijiet u r-regolamenti tal-pajjiż ikunu jirrispettaw id-drittijiet naturali ta' din is-soċjetà naturali li hi l-familja.

Din l-għaqda tal-familji ma għandhiex tkun konfessjonali, għax ir-realtà tal-familja hija waħda naturali. Il-ħarsien tal-familja huwa valur universali. Hija l qagħda prekarja preżenti tal-familja li qiegħda tiddetta din il-ħidma kordinata favur id-drittijiet tal-familja. L-Insara għandhom ħafna x'joffru f'dan il-kamp. Fil-fatt il-valuri Nsara dwar iż-żwieġ u l-familja fil-qofol tagħhom jaqblu mal-valuri umani u jipperfezzjonawhom.

Huwa minnu li għandna diversi koppji miżżewġa u familji impenjati fil-ħajja tal-Knisja, partikolarment fil-pastorali tal-familja. Din hija konferma li bil-mod il-mod għaddejjin minn fażi fejn il-familja mhix biss l-"oġġett" imma wkoll is-"suġġett" tal-pastorali. Imma li l-familji jieqfu hawn u ma jmorrux lil hinn miz-zuntier tal-Knisja, jista' jkun sinjal li xi wħud għadhom ma fehmux li l-Kristjaniżmu għandu rilevanza soċjali u pubblika. Dan il-fenomenu jista' jfisser ukoll illi l-familji m'għandhomx biżżejjed kuxjenza dwar il-vokazzjoni tal-familja bħala protagonista fis-soċjetà, kemm fil-kamp kulturali u kemm fil-kamp soċjali u politiku.

Fil-preżent hemm diversi temi li huma ta' rilevanza għall-familji tagħna...

## Definizzjoni tal-familja

L-ewwel nett huwa importanti li jiġi ċċarat x'qegħdin nifhmu b'familja. B'familja aħna nifhmu dik is-soċjetà naturali ta' persuni mibnija fuq relazzjoni bejn mara u raġel, ibbażata fuq iż-żwieġ bħala rabta dejjiema immirata għall-għaqda u l-imħabba ta' xulxin u għat-tnissil, it-trobbija u l-edukazzjoni tal-ulied. Għalkemm din id-definizzjoni ta' familja tidher li hija "Kattolika", fil-verità hija msejsa fuq ir-raġuni. Ix-xjenzi umani jikkonfermaw li din l-għamla ta' familja hija dik il-forma li tikkostitwixxi l-aqwa riżorsa għas-soċjetà.[1] Dan ifisser li l-familja qatt ma għandha tiġi ridotta għal sempliċi għarfien ta' persuni li jgħixu taħt l-istess saqaf (*household*) jew ta' relazzjonijiet oħra. Ladarba naqblu fuq x'inhi l-familja, tajjeb naraw jekk dan hux rifless fil-liġijiet, fil-politika u fil-qafas ekonomiku.

Billi huwa aċċettat minn kulħadd li l familja hija l-bażi tas-soċjetà, jeħtieġ illi l-familja tingħata tassew rikonoxximent privileġġjat mill-Istat. Ebda relazzjoni oħra ma għandha tiġi ekwiparata mal-familja. Huwa fatt li fl-istess istituzzjonijiet politiċi kif ukoll f'dawk ekonomiċi u fid-dinja tal-midja hemm min irid jagħti t-tikketta ta' familja lil kull esperjenza fejn persuni jiddeċiedu li jgħixu flimkien għax jinħabbu. Dan mhux ħlief għama sistematiku tal-qafas soċjali fir-rigward tal-familja. Filwaqt li dawk il-persuni li jgħixu flimkien imma mhumiex familja għandhom kull dritt li l-Istat jirrispetta d-drittijiet individwali li dawn għandhom bħal kull individwu ieħor, huwa wkoll dmir tal-Istat li jirrikonoxxi l-familja bħala tali u jiżviluppa politika favur il-familja li tassew tkun iffukata fuqha bħala unità soċjali.

## Il-familja s-santwarju tal-ħajja umana

Il-familja hija s-santwarju fejn titnissel u titrawwem il-ħajja umana. Ir-rispett assolut lejn id-dinjità tal-ħajja umana jitlob mhux biss illi l-abort u l-ewtanasja ma jkunux permessi, imma wkoll li l-metodi ta' tnissil ma jkunux ta' theddida għall-ħajja umana jew għad-dinjità tagħha. Meta nqisu li r-rata





tat-twelid hija baxxa, tajjeb nistaqsu jekk l-ambjent soċjali tagħna huwiex qed jgħin lill-familja tkun ġeneruża mal-ħajja. Il-piżijiet finanzjarji, il-prekarjetà tax-xogħol, l-akkwist tad-dar, eċċ..., jistgħu jkunu fost ir-raġunijiet għaliex illum il-koppji żgħażagħ qed idumu ma jidħlu għaż-żwieġ jew biex jibdew jiffurmaw familja. Wieħed sewwa jikkunsidra jekk huwiex il-każ illi tingħata attenzjoni akbar mill-Istat biex iħajjar u jgħin lill-familji jkollhom aktar tfal, u dan b'dinjità li tixirqilhom. Huwa f'waqtu li ssir aktar riflessjoni biex il-miżuri tajba eżistenti jitjiebu, ħalli s-soċjetà tkompli tgħin il-koppji ż-żgħar mhux b'karità, imma, filwaqt li jkomplu jinħolqu dawk il-kundizzjonijiet tax-xogħol li jkunu *family friendly*, il-familja li qed trabbi jkollha retribuzzjoni li tgħinha ma taqtax qalbha tibni familja. Flimkien ma' dawn il-fatturi materjali, jista' jkun hemm ukoll motivi psikoloġiċi u kulturali, bħalma huma l-inċertezza tar-relazzjoni, il-biża' li l-koppja ma tkunx taf teduka lil uliedha, u r-riskji tal-futur, li spiss jaqtgħu qalb il-koppji fil-bidu tal-ħajja miżżewġa. L-Istat, il-Knisja u l-imsieħba soċjali għandhom ir-responsabbiltà u l-missjoni li jgħinu lil dawn il-koppji miżżewġin żgħar jiskopru u jwettqu s-sbuħija tal-ħajja miżżewġa.

## Il-familja u l-edukazzjoni tal-ulied

Hija prerogattiva tal-familji li jagħtu l-edukazzjoni lil uliedhom skont it-twemmin reliġjuż jew filosofiku tagħhom. Dan id-dritt għandu jiġi rrispettat sal-aħħar, speċjalment fil-każ ta' dawk il-familji li ma jkollhomx l-opportunità li jibagħtu lil uliedhom fi skola tal-għażla tagħhom. Huwa xieraq illi t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-kurrikulu jkunu jirrispettaw dan id-dritt tal-familji. Il-familji jibqgħu dejjem l-edukaturi oriġinali tal-ulied u l-iskola għandha tirrispetta u tkompli fuq dak li l-ġenituri jridu jagħtu lil uliedhom. L-istess jingħad għall-Istat meta jkun qed ifassal il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali.

## Il-familja u x-xogħol

Tkun verament ħasra jekk, frott tal-mentalità individwalistika, jew inkella frott ta' tellieqa bla rażan għal aktar effiċjenza fl-intrapriżi pubbliċi u privati tagħna, il-fattur "familja" ma jingħatax importanza biżżejjed fit-tfassil tal-liġijiet tas-suq. Tajjeb insostnu sforzi li joħolqu spazju biex membri ta' familji li għadhom qegħdin irabbu l-ulied jiddeċiedu huma minn rajhom fuq iż-żmien li fih u l-forma li biha huma jħossu li huma ppreparati jipparteċipaw formalment fil-ħajja ekonomika u soċjali tal-pajjiż. Għaldaqstant ma tkunx il-familja li jkollha ġġorr, waħidha, il-piż li joħloq l-adattament għall-istrutturi ekonomiċi. Narah ukoll ir-rwol tal-istituzzjonijiet li jiġbru taħt saqaf wieħed lill-imsieħba soċjali u lill-Gvern, biex dan il-bilanċ tant delikat bejn it-tisħiħ mixtieq tal-familji tagħna u l-ambizzjoni li jittejjeb il-livell tal-ħajja taċ-ċittadini tagħna jintlaħaq aħjar. Jeħtieġ nirnexxu f'din ix-xewqa tagħna, għax inkella nkunu pass eqreb lejn sitwazzjoni fejn il-bniedem u l-familja jkunu għax-xogħol minflok ma x-xogħol għall-qadi tal-bniedem u tal-familja! Tiddgħajjef il-familja, jiddgħajfu l-pilastri tal-ekonomija, u jiddgħajjef il-bniedem!

## Il-familja u l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali

Meta wieħed iqis il-qawwa tal-midja, ikun opportun li l-midja lokali tikber aktar fl-istima tagħha lejn il-familja, u li dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni jkunu strumentali biex isiru kampanji li jgħarrfu

lill-pubbliku kemm dwar l-esperjenzi pożittivi tal-ħajja tal-familja u kemm dwar il-valuri li fuqhom għandha tinbena l-familja, bħalma huma l-fedeltà dejjiema, is-sagrifiċċju, l-għotja sħiħa, is-sabar, il-maħfra kontinwa u l-karità.

## Il-familji jridu jkunu proattivi

Dawn huma biss ftit mit-temi li jitolbu analiżi u azzjoni kontinwa, għax jolqtu l-familji Maltin u Għawdxin fil-laħam il-ħaj, u jekk nittraskurawhom jistgħu jfaqqru l-familja u n-nazzjon. Imma dan jitlob li l-familji tagħna ma jibqgħux siekta jew passivi u li, bi dritt u b'responsabbiltà, jingħaqdu f'assoċjazzjonijiet tal-familji biex jintervjenu fil-qasam pubbliku bħala protagonisti u jsemmgħu leħinhom biex jiddefendu l-familja. Hemm bżonn li l-familja tiġi rikonoxxuta bħala suġġett u interlokutur, li fi djalogu kontinwu mal-Istat tgħin fil-ħarsien tal-ġid komuni.

Għalhekk, għal dawk kollha li jemmnu fil-familja mibnija fuq iż-żwieġ bejn raġel u mara, it-twaqqif ta' din ix-xorta ta' assoċjazzjoni tal-familji joffri opportunità għat-tisħiħ tal-ġid komuni fejn l-istituzzjoni tal-familja tibqa' rrispettata bħala kisba għad-dinjità tal-bniedem u għall-formazzjoni tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Peress li bejn it-30 ta' Mejju u t-3 ta' Ġunju l-Knisja Kattolika ser tiċċelebra f'Milan is-Seba' Laqgħa Dinjija tal-Familji bit-tema "Familja, Xogħol u Mistrieħ", permezz ta' din l-Ittra Pastorali nappella lill-Knisja lokali biex issegwi din il-ġrajja speċjali u biex noffru talb u penitenza għas-suċċess ta' din il-Laqgħa.

Fuq l-eżempju tal-Mulej Ġesù, li qabel ma tela' s-Sema ordna lill-Appostli jmorru fid-dinja kollha jxandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu, inħeġġeġ lill-familji Nsara biex iħabbru l-Vanġelu tal-Familja lill-familji u lis-soċjetà tagħna.

Mogħtija mill-Kurja tal-Isqof, ir-Rabat Għawdex, illum il-Ġimgħa 18 ta' Mejju 2012.♦

Mons. Salv Debrincat
*Kanċellier*

✠ Mario Grech
*Isqof ta' Għawdex*

---

**Riferenzi**

[1] Pierpaolo Donati, *Quale famiglia stiamo coltivando?*


# TINSIEX tħallas *l-Abbonament* fir-rivista għas-sena 2012




**Abbonament għas-sena 2012**

- Lokali: **€ 6.00**
- Ewropa: **€ 14.00**
- Barra mill-Ewropa: **€ 18.00**
- Sostenitur: **Offerta Libera**

*Ibgħat id-dettalji tiegħek flimkien mal-ħlas lill-Editur, Santwarju Madonna Ta' Pinu, Ta' Pinu, Għarb GRB 1704, Għawdex.*

# Inkomplu bir-restawr tal-istained glass



*It-tieqa prinċipali tal-faċċata tas-Santwarju, maħduma fi 8 partijiet*



**L-ispiża għal kull parti minn din it-tieqa hija bejn € 700 u € 800**



*6 Twieqi fil-kappelli ta' Karmena Grima u ta' Frenċ tal-Għarb*



**L-ispiża għal kull tieqa tal-kappelli hija ta' € 1,000**



# Irrestawrata n-Niċċa fuq l-Għolja Ta' Għammar







L-Għolja ta' Għammar, li tinsab quddiem is-Santwarju Ta' Pinu, għal ħafna hi magħrufa minħabba fl-istatwi tal-*Via Sagra*, u fil-fatt tiġbed lejha bosta pellegrinaġġi, l-aktar fil-ġranet tar-Randan. Imma qabel ma saru dawn l-istazzjonijiet, fi żmien Frenċ tal-Għarb din l-għolja kienet il-post fejn ta' sikwit hu kien iħobb jitla' u joqgħod jitlob, u kemm-il darba organizza pellegrinaġġi ta' talb. Huwa mhux biss kien poġġa fuq din l-għolja salib tal-injam, li llum jinsab fis-Santwarju Ta' Pinu ħdejn il-qabar tiegħu, iżda ħadem kemm felaħ biex il-ħolma li kellu li ssir il-*Via Sagra* fuq l-għolja ssir realtà, kif fil-fatt ġara wara mewtu.

Minħabba f'hekk, fuq Ta' Għammar, qalb il-ħitan tas-sejjieħ, illum hemm niċċa ċkejkna tal-Madonna Ta' Pinu li tfakkar li din l-għolja hija post mill-isbaħ qalb in-natura fejn il-bniedem, kif kien iħobb jagħmel Frenċ u bħalu ħafna oħrajn, jista' jieqaf jitlob fis-skiet.

B'xorti ħażina, f'dawn l-aħħar ġranet ta' April din in-niċċa ġiet maħruqa matul il-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd, aktarx minn xi vandali u b'riżultat ta' nar qawwi, kif juru anki r-ritratti.

Kien għalhekk li immedjatament ir-Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu ordna li mhux biss tiġi rranġata mill-ewwel il-ħsara, iżda wkoll li dan il-post jiġi rranġat aħjar b'aktar ordni biex jibqa' jkun post ta' talb fl-ambjent naturali li fiha jinsab.

Għalhekk nappellaw biex tinżamm l-indafa u kulħadd ippoġġi x-xemgħa u l-ward fejn huwa indikat. ◆







# Il-Ħidma tal-Kummissjoni Djoċesana Familja fid-Djoċesi ta' Għawdex



minn Dun Anton Teuma

## Introduzzjoni

Il-familja mhix biss l-iktar struttura importanti f'soċjetà b'saħħitha imma fuq kollox hija l-istruttura fundamentali tal-Knisja. L-E.T. Mons. Mario Grech, hekk kif ġie kkonsagrat Isqof ta' Għawdex f'Jannar 2005, wera x-xewqa li fl-episkopat tiegħu jagħti importanza lill-ħidma favur il-familja fl-aspetti kollha tagħha. Minħabba f'hekk ħatar kummissjoni biex tkun tista' twettaq fil-prattika din il-ħidma. Nistgħu ngħidu li l-iskop prinċipali u ġenerali tal-pastorali familjari huwa li l-familja Għawdxija tikber fl-umanità u fil-Kristjanità tagħha.

Nistgħu ngħidu li din il-ħidma ta' formazzjoni tinqasam fi tliet partijiet prinċipali: it-tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja; il-formazzjoni kontinwa tal-familja; attenzjoni għal sitwazzjonijiet partikolari.

## It-tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja

Il-Kummissjoni Djoċesana Familja ħadet ħsieb iġġedded il-laqgħat ta' tħejjija għaż-żwieġ li diġà kienu jsiru fil-parroċċi ta' Għawdex. Ġiet iffurmata mixja ta' laqgħat b'temi marbuta kemm maż-żwieġ bħala sagrament u kemm maż-żwieġ bħala relazzjoni fl-aspetti psikoloġiċi u esperjenzjali tagħha. Din il-mixja ssir f'integrazzjoni mal-laqgħat ta' tħejjija għaż-żwieġ li jsiru mill-Moviment Ta' Kana.

Dawn il-laqgħat li jsiru fil-parroċċi jkunu darba kull ħmistax għal żmien ta' sentejn. Bl-għajnuna ta' saċerdot u koppji preparati, l-għarajjes huma mistiedna li jifhmu xi jfisser iż-żwieġ sagrament u jiġu mogħtija għajnuniet biex ikunu jistgħu jagħżlu li jidħlu għal din il-ħajja b'mod kemm jista' jkun ħieles.

## Il-formazzjoni kontinwa tal-familja

Il-formazzjoni hija marbuta ħaġa waħda mal-ħajja tal-bniedem. Sakemm imut, il-bniedem irid ikompli jifforma ruħu b'tali mod li jkun jista' jgħix il-ħajja fil-milja tagħha. Dan jgħodd aktar u aktar għan-Nisrani, li huwa msejjaħ biex kontinwament jikkonverti.

Mhux biżżejjed li koppja tħejji ruħha tajjeb għaż-żwieġ. Hemm bżonn li tkompli tfittex is-sapport matul il-mixja tal-ħajja. Il-ħajja tal-miżżewġin hija mżewqa b'diversi fażijiet li jġibu sfidi, ferħ, dwejjaq, qbil u kunflitti. Għalhekk il-formazzjoni kontinwa mhix biss dritt imma wkoll dmir tal-miżżewġin li jixtiequ jkomplu jikbru fir-relazzjoni ta' bejniethom.

Il-Kummissjoni Djoċesana qiegħda toffri mixja ta' laqgħat ta' formazzjoni għall-miżżewġin żgħar. Isiru laqgħat ta' darba fix-xahar li fihom il-miżżewġin jirriflettu u jaqsmu bejniethom dwar dak li jkunu għaddejjin minnu. Dawk kollha li jattendu jagħrfu l-valur ta' dawn il-mumenti. Matul is-sena li ġejja l-Kummissjoni ser tieħu ħsieb tgħin lill-parroċċi kollha tad-djoċesi biex ikunu jistgħu joffru din l-opportunità lil dawk il-miżżewġin kollha li jkunu jixtiequ jkomplu l-formazzjoni tagħhom.

Hemm ukoll il-ħsieb li tiġi offruta l-possibbiltà ta' formazzjoni aktar sistematika lil dawk il-familji li adottaw it-tfal, kif ukoll lil dawk il-familji li għandhom uliedhom adolexxenti.

## Formazzjoni f'sitwazzjonijiet partikolari

Minħabba raġuni jew oħra, xi familji jgħaddu minn diffikultajiet serji tant li jkollhom bżonn ta' għajnuna professjonali. Mons. Isqof Mario Grech ħaseb li jifforma ċentru ta' għajnuna għal dawn il-familji fil-kumpless tas-Santwarju Ta' Pinu. Iċ-Ċentru *Sultana tal-Familja* ġie rranġat u ppreparat bis-sapport u bl-għajnuna tad-direzzjoni tas-Santwarju Ta' Pinu. Iċ-Ċentru jibda jaħdem b'mod ordinarju minn Settembru 2012.

Il-Kummissjoni Familja tieħu ħsieb torganizza mixja ta' laqgħat għall-persuni li minħabba xi diffikultajiet iddeċidew li jwaqqfu r-relazzjoni tagħhom. Dawn il-persuni jiltaqgħu darba kull ħmistax biex jirriflettu fuq il-mixja umana u spiritwali tagħhom. Mixja oħra ta' laqgħat issir għal dawk il-persuni li jinsabu f'relazzjoni oħra



barra miż-żwieġ. Dawn il-koppji jiltaqgħu flimkien darba fix-xahar.

## Konklużjoni

F'isem il-Kummissjoni Djoċesana Familja nixtieq irrodd ħajr lil Dun Gerard Buhagiar tal-għajnuna u s-sapport tiegħu, bħala Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu, fl-istrutturar u fix-xogħol taċ-Ċentru *Sultana tal-Familja*. ♦



It-Tberik taċ-Ċentru 'Sultana tal-Familja' - 16/05/2012

# Messaġġ lill-Ommijiet
## fl-okkażjoni tat-Tberik tat-Trabi fil-Ġuf



**Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex**

Għeżież ommijiet,

Din il-laqgħa tal-lum fis-Santwarju Ta' Pinu tfakkarni fil-ġrajja ta' meta Marija marret għand qaribtha Eliżabetta. Dakinhar, malli semgħet lil Marija ssellmilha, Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu, infexxet f'għajta kbira u qalet: "Ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ" (Lq 1:44).

Illum, flok ma Marija ġiet id-dar tagħkom, intom ġejtu d-dar tagħha! Kif seħħ dakinhar fid-dar ta' Eliżabetta, hawnhekk ukoll taslilkom it-tislima ta' Marija Omm tagħna!

Illum, bl-interċessjoni ta' Marija, il-barka ta' Ġesù tinżel fuqkom u t-tarbija li għandkom fil-ġuf taqbeż bil-ferħ! Il-moviment fil-ġuf huwa konferma li dak li hemm fil-ġuf mhux massa ta' ċelluli imma huwa bniedem u għalhekk jixraqlu r-rispett għad-dinjità tiegħu. Fil-fatt illum ix-xjenza titkellem fuq "fetu kompetenti" fis-sens li sa mill-ewwel ġimgħat tat-tnissil tiegħu, il-bniedem diġà għandu kapaċità li jġarrab is-sentimenti! Psikjatra ta' żminijietna jgħid li l-ġuf mhux biss huwa l-ewwel benniena għat-tarbija, imma huwa l-ewwel dinja għaliha, tant li dak li tgħaddi minnu ġo fih iħalli marka fuq il-personalità futura tagħha.

Kif sa minn din il-fażi tat-tqala l-ħoss tal-kelma tagħkom jew ta' żwieġkom joffri wens lit-tarbija u jista' jikkalmaha daqskemm jista' jaġitaha, hekk ukoll il-Bxara t-Tajba ta' Kristu li tasal għandkom għandha qawwa li tqaddes lill-wild tagħkom! Inħeġġiġkom biex f'dan iż-żmien partikulari tfittxu aktar li tirriflettu dwar il-Kelma ta' Alla – hija l-Kelma li meta tasal f'widnejn it-tarbija, din taqbeż bil-ferħ.

Nitlob lill-Madonna Ta' Pinu, Sultana tal-Familja, tħaddankom taħt il-mant tagħha.

*Illum, 13 ta' Mejju 2012.*◆

*Din iċ-Ċelebrazzjoni li saret fis-Santwarju Ta' Pinu nhar il-Ħadd, 13 ta' Mejju 2012 - Jum l-Omm, ġiet organizzata minn Dar Ġużeppa Debono.*



# Il-Familja ta' Nazareth tikkumbatti mal-mewġ tal-ħajja

minn Dun Alex Refalo

Il-ħajja ta' din il-familja ma kenitx nieqsa mill-maltemp tal-ħajja. Kienet għadha qed tifforma meta beda l-inkwiet: ix-xebba Marija kien ser ikollha tarbija *"bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu"*. Il-Liġi kienet tgħid li jekk mara jkollha relazzjoni barra miż-żwieġ, kellha tiġi maqtula (ara Lev 20:10). Ġużeppi jiddeċiedi li jħarrab lil Marija għax *"ma riedx ixandarha quddiem kulħadd"* (Mt 1:19) u għalhekk *"għamel f'moħħu li jibgħatha bil-moħbi tan-nies"* (Mt 1:19). Ried min-naħa tiegħu jeħlisha minn din it-traġedja. Żwieġ li kien fix-xifer li jitfarrak sa mill-bidu tiegħu. Dak li salva r-rabta ta' din il-koppja kien propju l-Kelma ta' Alla. Ġiet imwassla lil Ġużeppi fil-ħolm: *"Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija"* (Mt 1:20). Ġużeppi obda mill-Kelma, u din ir-rabta tal-koppja Ġużeppi u Marija mhux talli ma tfarrkitx imma talli ssaħħet għax daħal fiha Kristu. F'mument ta' kriżi, ir-rabta tal-koppja mal-Kelma ta' Alla jew mal-preżenza ta' Kristu ssir bħal dik l-ankra li twaqqaf il-vapur biex ma jibqax jintilef jew jitliegħeb mal-mewġ.

L-istorja ta' traġedji u tbatijiet għal dan iż-żwieġ ma tiqafx hawn. L-ewwel iben, li kull koppja tkun tistenna bil-ħerqa, jitweldilha f'għar tal-annimali, bla familjari mdawrin magħhom, bla ħbieb, 'il bogħod minn fejn kienu jgħixu. L-ewwel kumpanija kienet dik tal-annimali! U l-ewwel nies li raw it-tarbija kienu rgħajja jirgħu l-merħliet. Koppja sfortunata? Le. Inqalgħu affarijiet strambi, iva; imma fejn hemm Ġesù, dak li jidher xi ftit stramb jaf jieħu rotta ġdida. Il-familja l-ġdida ssib ferħ u hena. Ir-rgħajja *"marru jgħaġġlu, u sabu lil Marija u'l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura. Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kulma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija, u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja"* (Lq 2:16-17). Il-preżenza ta' Ġesù ġġib dejjem l ordni u l paċi u l ferħ fejn kollox ikun jidher li ser jispiċċa ħażin.

L-omm żagħżugħa issa jmissha tmur fit-Tempju biex tagħmel dak li tgħid il-Liġi. Kienu għaddew erbgħin ġurnata mit-twelid tat-tarbija, u Marija u Ġużeppi kellhom jieħdu t-tarbija fit-Tempju *"biex jagħmlulu dak li titlob il-Liġi"*. Marija tidħol fit-Tempju



ferħana bil-wild li Alla taha. U minnufih tisma' kelmiet li ma setgħux ma jferux lil qalbha: *"Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Israel; ser ikun sinjal li jmeruh – u inti ġMarijaħ wkoll, sejf jinfidlek ruħek! – biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna"* (Lq 2:34-35). Daqqa wara oħra! Marija qed tisma' l-kelmiet li t-tarbija ser twassalha għal tbatijiet kbar! X'tagħmel? Tibki? Tiddispra? Dak li salvaha f'dak il-mument kien il-Kelma, dik l-istess kelma li fil-bidu salvat iż-żwieġ tagħha ma' Ġużeppi. Għax kienet midħla tal-Kelma, kienet iżżomm f'qalbha kliem bħal: *"Jistgħu jitħarrku l-muntanji, jitħeżżu l-għoljiet, imma mħabbti minn miegħek ma titħarrikx, u s-sliem tal-patt tiegħi ma jitheżżiżx, jgħid il-Mulej li jħenn għalik"* (Is 54:10); u bħal: *"Ma tibżax mill-biża' tal-lejl... jew minn marda li ġġib herba f'nofsinhar"* (Salm 91:5-6); u wkoll bħal: *"Imqar jekk nimxi f'wied mudlam, ma nibżax mill-ħsara, għax inti miegħi"* (Salm 23:4)... Il-Kelma ta' Alla serviet ta' dawl għad-dalma li setgħet tostor lill-qalb u fl-istess waqt ta' kuraġġ għal dik l-omm: *"Fanal għal riġlejja l-Kelma tiegħek, u dawl fil-mogħdija tiegħi"* (Salm 119:105).

Illum ħafna koppji qed ifittxu gruppi ta' talb marbutin mal-Kelma ta' Alla u jgħidulek li allaħares ma kenitx il-Kelma ta' Alla f'ħajjithom għax kieku ilhom li nfirdu! Is-sabiħ hu li skoprew li l-istess Kelma ta' Alla għaqqdithom iktar flimkien milli qatt kienu qabel. Iva, il-Kelma ta' Alla li salvat iż-żwieġ ta' koppja partikulari minn Nazareth, issa qed tkompli ssalva u ssaħħaħ koppji oħra f'din l-istess għaqda.

Tgħid hemm xi darba meta l-affarijiet jiġu kif nixtiquhom aħna? Hemm xi żmien meta kollox ikun bizzilla, bla ebda problema? Għall-Familja ta' Nazareth dan ma kienx il-każ, kif mhuwiex il-każ tal-familji tagħna. It-tifel qed jikber u issa skoprew li kien hemm xi ħadd li qed ifittex joqtol il-ħajja ta' dan il-wild. Storja oħra ta' dulur. X'ser jagħmlu Marija u Ġużeppi? Jerġgħu jsibu t-tweġiba fl-istess Kelma ta' Alla: *"Qum, ħu miegħek lit-tifel u 'l ommu, u aħrab lejn l-Eġittu. Ibqa' hemm sa ma ngħidlek jien"* (Mt 2:13).

F'din l-istorja kollox huwa għas-servizz taż-żgħir, kollox qed idur ma' dak li fil-familja jinsab l-iżjed fil-bżonn. Din id-darba kien l-iben Ġesù. Xi drabi jinzerta li dak li jkun l-iżjed fil-bżonn fil-familja jkun il-missier għajjien wara ġurnata xogħol, jew l-omm li tinsab għaddejja minn mumenti diffiċli ta' stress. Il-membri tal-familja, l-iżjed il-koppji, fuq l-eżempju tal-Familja ta' Nazareth iridu joqogħdu attenti għal min huwa l-iktar fil-bżonn. U minħabba l-iben, li kien l-iktar fil-bżonn, il-familja kollha titlaq, tħalli kollox, temigra lejn l-Eġittu. Trid issalva u tgħin lil min għandu l-iktar bżonn tal-għajnuna. U meta tagħmel dan, tkun qed issalva lilha nfisha. Issir familja iktar magħquda, iktar f'saħħitha. L-imħabba li kien hemm bejniethom kienet kollox għal din il-familja.

Erodi, li kien ifittex il-ħajja tat-tifel, imut. Jiġu lura mill-Eġittu. Kollox jikkalma? Il-Vanġelu ma jgħidilna xejn iżjed. Nissupponu, imma, li tul dan is-silenzju, is-salib li jtaqqal lil kull familja lanqas ma kien nieqes fil-Familja ta' Nazareth.

Ftit snin wara terġa' tiġi storja oħra. It-tfajjal Ġesù, li issa kellu tnax-il sena, jintilef f'Ġerusalemm. Huwa veru li t-tifel ma kienx tagħhom, imma kien tal-Missier Alla: *"Ma tafux li jien għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?"* (Lq 2:50). Il-familja għaddiet minn mument iebes ieħor meta ma setgħetx tifhem il-pjan tal-Missier. Kif? It-tifel għex u trabba magħhom, u issa qed jgħidilhom li mhuwiex tagħhom! Imma l-Familja ta' Nazareth ma kellhiex triq oħra ħlief li tintelaq f'idejn il-pjan ta' Alla l-Missier. Kollox mistur fis-silenzju tal-qalb. Ħadd ma jlissen kelma waħda: *"Iżda kliemu ma fehmuhx. Imbagħad niżel magħhom u raġa' mar Nazareth; u kien jobdihom"* (Lq 2:50-51).

Is-silenzju jerġa' jostor lil din il-familja sa meta Ġesù jkollu tletin sena. It-tradizzjoni dejjem ikkonkludiet li l-missier Ġużeppi jiġi nieqes. L-armla Marija tibqa' ma' Binha, bħala omm-dixxiplu sal-mewt tiegħu fuq is-salib.

Forsi huma l-iżjed l-istejjer kbar ta' tbatija li jagħmlu minn din il-familja mudell għall-familji tagħna, għax kull familja llum jew għada ser issib ma' wiċċha xi tip ta' saram. Il-Papa Benedittu XVI, fl-omelija tat-3 ta' Ġunju 2012 li għamel quddiem folla numeruża ta' familji bħala konklużjoni tas-Seba' Laqgħa Dinjija tal-Familja li saret f'Milan, l-Italja, stqarr li Kristu u l-Familja ta' Nazareth jibqgħu l-punt prinċipali ta' riferiment għal kull familja biex wieħed jilqa' l-imħabba ta' Alla. Qal li mill-Familja ta' Nazareth kull familja titgħallem *"tkun attenta għall-qadi"*. Kompla jgħid li l-familja jrid *"ikollha s-sabar quddiem id-difetti tal-oħrajn"*. Il-familja trid titgħallem *"taħfer u titlob maħfra"*, mingħajr ma tinsa li trid tkun *"miftuħa għal familji oħra"* u għal *"dawk li jinsabu fil-bżonn"*.





Tgħid fil-familja ta' Marija u ta' Ġużeppi kellhom bżonn jaħfru lil xulxin? Meta Ġesù ntilef Ġerusalemm, tgħid ġara hekk għax it-tnejn li huma aljenaw ftit ruħhom? Jekk Ġesù kien bħalna f'kollox minbarra d-dnub, nistgħu ngħidu wkoll għal din il-familja li kienet bħalna f'kollox. Kultant kienet tinsa, kultant kienet tieħu l-affarijiet *for granted*, kultant tferi lill-oħrajn bla ebda intenzjoni u ħsieb. Iva, huma dawn il-mumenti li, għalkemm jidhru żgħar, kienu jservu ta' okkażjonijiet biex il-familja titgħallem taħfer u titlob maħfra. Il-kelmiet ta' Ġesù fuq is-salib: *"Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu"* (Lq 23:34), kienu wkoll il-kelmiet ta' maħfra ta' Marija. Kienu kelmiet li żgur għexuhom fl-intern tal-familja tagħhom. Il-maħfra u s-sens tas-sagrifiċċju jkomplu jsaħħu r-rabta ta' kull familja. Kemm familji tfarrku għax tilfu kull sens ta' maħfra u sagrifiċċju!

Jekk il-valuri tal-Familja ta' Nazareth isiru l-valuri tagħna, kemm ikollna iktar familji f'saħħithom, kemm ikollna iktar ulied ferħanin u hienja... soċjetà iktar f'saħħitha! Il-Papa, fl-imsemmija omelija li għamel, iħeġġiġna nitolbu lill-Familja ta' Nazareth tgħinna u tinterċedi għalina tul il-mumenti kollha tal-ħajja tagħna.♦

# Skola Marjana

minn John Formosa



## SULTANA TAL-FAMILJA, ITLOB GĦALINA

Issa ilna 18-il sena nsejħu lill-Verġni Marija bħala s-*"Sultana tal-Familja"* fil-Litanija tar-Rużarju. Din l-invokazzjoni 'ġdida' kien żiedha l-Beatu Ġwanni-Pawlu II fl-aħħar tas-sena 1995, fl-okkażjoni tas-700 sena mit-trażlazzjoni tad-Dar ta' Loreto. Dan l-istess Papa, sittax-il sena qabel, fl-1980, kien żied fl-istess Litanija it-titlu sabiħ l-ieħor *"Omm il-Knisja"*.

Fuq l-istruzzjonijiet tal-Papa, fil-31 ta' Diċembru 1995 is-Sagra Kongregazzjoni għall-Kult Divin bagħtet ittra lill-konferenzi episkopali tad-dinja kollha biex tinformahom biż-żieda ta' din l-invokazzjoni li l-Qdusija Tiegħu ried li tingħad fil-litanija wara l-invokazzjoni *"Sultana tar-Rużarju Mqaddes"* u qabel dik *"Sultana tal-Paċi"*.

Għedna li l-Papa Ġwanni-Pawlu II darbtejn żied invokazzjoni ġdida fil-litanija. B'hekk hu mexa fuq tradizzjoni ta' diversi papiet ta' qablu. Biżżejjed ngħidu li, f'dawn l-aħħar mitejn sena, mal-Litanija ta' Loreto żdiedu b'kollox seba' invokazzjonijiet. Barra t-tnejn li ġa' semmejna. il-Papa Beatu Piju IX fl-1854 żied: *"Sultana mnissla mingħajr tebgħa oriġinali"*; il-Papa Ljun XIII fl-1883 żied: *"Sultana tar-Rużarju Mqaddes" u 20 sena wara żied ukoll: "Omm tal-Parir it-Tajjeb"*; il-Papa Benedittu XV fl-1916 żied *"Sultana tal-Paċi"*; u l-Papa Piju XII, fl-1950, żied: *"Sultana Mtellgħa fis-sema"*. Ta' min ifakkar ukoll li l-invokazzjoni *"Għajnuna tal-Insara"* kienet żdiedet mill-Papa Piju V wara r-rebħa tal-Insara fil-Battalja ta' Lepanto li ġrat fl-1571.

Fl-invokazzjoni *"Sultana tal-Familja"* għandna titlu lil Marija relattivament ġdid u joħroġ b'mod naturali mill-fatt li Marija hija Omm il-Knisja. Il-familja hija konsidrata il-*"knisja domestika"*, għaliex hu hawn li ż-żerriegħa tal-fidi li tinżera' fil-magħmudija titrawwem u tikber bit-tagħlim u l-eżempju tal-ġenituri u l-membri tad-dar. Il-familja hija l-iżgħar ċellula tal-Knisja li tifforma l-Ġisem Mistiku ta' Kristu. Hu fil-familja li nsibu l-ewwel skola ta' talb u tal-virtujiet morali u soċjali li jikkostitwixxu l-bażi għas-soċjetà.

Fl-1964, waqt li kien qed jiltaqa' l-Konċilju Vatikan II, erba' mitt isqof kienu għamlu petizzjoni lis-Santa Sede biex tiddaħħal fil-Litanija invokazzjoni b'dan it-titlu. Anki fis-Sena Internazzjonali tal-Familja (1994) diversi isqfijiet u lajċi ppronopew li tiddaħħal invokazzjoni fil-Litanija marbuta ma' Marija fir-relazzjoni tagħha mal-Familja Mqaddsa ta' Nazareth.

Fl-Eżortazzjoni Apostolika *Familiaris Consortio*, imxandra mill-Beatu Ġwanni Pawlu II fit-22 ta' Novembru 1981, dan il-Papa qaddis kiteb: *"Ħalli tkun il-Verġni Marija, Omm il-Knisja, ukoll l-omm tal-'knisja tal-familja'. Bil-għajnuna tagħha ta' omm, kull familja nisranija tista' tkun 'knisja żgħira' li fiha jerġa' jingħax il-misteru ta' Kristu"*.

Fit-18 t'April 2010, il-Papa Benedittu XVI fi tmiem taċ-elebrazzjoni Ewkaristika fuq il-Fosos tal-Furjana, qabel ma' offra u poġġa l-Warda tad-Deheb, f'riġlejn il-Madonna Ta'

(ikompli f'paġna 21)

# Christmas 2009












# Occasions 2010



## *Christmas 2009*

This set, issued by MaltaPost on 30th November 2009, is made up of 3 stamps featuring Old Masters depicting Our Lady as a mother of Our Lord Jesus Christ.

The €0.19 value shows Mary showing her Son, who with a raised right hand is seen blessing whoever is in front of Him. Entitled 'Mater Admirabilis', this painting (T empera on panel) is 71.5cm x 55cm and is painted in the manner of Alessandro Botticelli (1440-1510). This early Renaissance Florentine artist is considered as one of the most influential painters of his time. The original painting is found at the Malta National Museum of FineArts.

The second stamp in this set is called ' Madonna and Child'. It is 108cm x 91cm Oil on Canvas by Corrado Giacquinto, a late Neapolitan Baroque artist (1703-1765). The image depicts Our Lady with her Child on her lap in a dramatic gesture. This painting too is part of the fabulous collection in our National Museum of fineArts.

Painted by the followers of Simone Cantarini is the replica found on the €0.63 value. This Italian etcher and painter of the Bolognese School was born in Oropezza The original painting is Oil on Canvas, measures 116.2cm x 88.9cm. and is found in a private collection.

The design of this set was prepared by MaltaPost plc and printed by Printex Ltd., using the offset process. Each stamp measures 44.00m x 31.0m. And has a perforatin of 13.9 x 14 (comb). The paper is watermarked with Maltese Crosses.

Ref: MaltaPost Official Bulletin no 278.

## *Occasions 2010*

A set of 8 stamps entitled 'Occasions' was issued by MaltaPost on 17 March 2010. The aim of these stamps was to be used in Personalised stamp issues. One of these stamps shows the famous painting 'The Marriage of the Virgin' by Philippe de Champaigne. This particular 'Occasion S tamp' was popular and even today , over a year later it is widely used especially on envelopes carrying weeding invitations.

The original oil on panel was painted in circa 1644 and is71.5 cm (28.1 in). in height and 143.5 cm (56.5 in) in width. It is found at theWallace Collection, London.

Philippe de Champaigne was born in Brussels of a poor family in 1602. In 1621 he moved to Paris, where he worked with Nicolas Poussin on the decoration of the Palais du Luxembourg under the direction of Nicolas Duchesne, whose daughter he married. Later in life Philippe worked for the Queen Mother, Marie de Medicis, and for Cardinal Richelieu, (for whom he decorated the Palais Cardinal). Champaigne produced a very large number of paintings, mainly religious works and portraits. Influenced by Rubens at the beginning of his career, his style later became more austere.

Printed by Printex Ltd with the Offset process it is 44.0mm x 31.0mm in size, 13.9 x 14.0 (comb) as perforation and watermarked with Maltese Crosses. This set was prepared by Sean Cini, an officer in the MaltaPost Philatelic Bureau.

Ref: MaltaPost Official Bulletin no 281. Wikapedia; Philippe de Champaigne.

## *Christmas 2010*

An other set is of 3 stamps reproducing Old Masters paintings and depicting Our Lady as a protective mother of Our Lord Jesus Christ was issued on 9 November 2010.

The €0.19 value shows 'The Adoration of the Magi' This painting (Oil on Canvas) is owned by the. Lombard Bank - Malta and was painted at the S tudio of Valerio Castello (1624-1659) This Baroque period Italian painter was very active during his short life. The figures in this painting are full of movement and the composition is very interesting.

The second stamp in this set is called ' The Flight into Egypt'. It is Oil on Canvas and attributed to Filippo Paladini, aTuscan master, whose style was strongly influenced by Caravaggio. Originally the painting served as the main altarpiece in the small church dedicated to St. Joseph in the Citadel, Gozo. Today it is located in the Cathedral Museum in the same Citadel. The image depicts Our Lady with her Child on a donkey with two 'puttini' on top. Saint Joseph is seen leading the way to safety.

The last of the set is the€0.63 value. This Oil on Canvas painting is found just beneath the main altarpiece in Saint George's Basilica, Victoria, and Gozo. It is attributed to the early 1700's French painter Pierre Guillemin.Almost nothing is known about the history of this work or when and how it arrived at Saint George's Basilica. What is known is that until recently there was a great devotion for this Madonna. It was so popular that this painting used to be placed on the main altar during the month of May, hence its title Madonna di Maggio.

The design of this set was prepared by MaltaPost plc and printed by Printex Ltd., using the offset process. Each stamp measures 44.00m x 31.0m. And has a perforatin of 13.9 x 14 (comb). The paper is watermarked with Maltese Crosses.

Ref: MaltaPost stamp official bulletin no.287.

## *Christmas 2011*

An other Christmas set of 3 stamps depicting Old Master paintings and representing the Holy Family was issued by MaltaPost on 15 November 2011. All three values (€0.20, €0.37 and €0.63) depicts the Virgin Mary holding Baby Jesus.The set was designed by MaltaPost plcAnd printed by Printex Ltd using the offset method. Each stamp measures 44.0mm x 32.0mm with perforation of 13.9 x 14.0 (comb) and watermarked with Maltese Crosses.

The €0.20 stamp shows also Saint Joseph looking over his wife and the Baby who is caressing his mother's shoulder as if trying to make space for His 'father ' to get in the picture. The original painting called 'The Holy Family in an Interior' is the work of followers of MarcelloVenusti and it is oil on canvas measuring 111.2 x 82.2cm.

The €0.37 value is 'The Madonna and Child with infant Saint John the Baptist' It is also oil on canvas with the original measuring 109.4 x 89.6cm and was executed by the Tuscan School (circa 1600). The subject of this painting was very popular during the Renaissance period.

The last stamp in this set, the €0.63 value shows once more the complete Holy Family. Entitled 'The Rest on the Flight into Egypt' it is attributed to the Circle of Pietro van Mol and was painted in the first half of the 16th century. The original is also oil on canvas measuring 121.8 x 33.1cm.

Ref: MaltaPost stamp official bulletin no.295 /Antonio Espinosa Rodriguez.

*Anthony Grech*

# Christmas 2010










# Christmas 2011














# Marija fil-Mużika (10)

minn Ivan Attard,
l-Organista tas-Santwarju Nazzjonali
tal-Madonna Ta' Pinu

***"Is-sliem, o Sultana tas-Sema,***
***Sidt l-Anġli;***
***int l-għerq u l-bieb safi***
***mnejn ġie Dawl id-Dinja!***
***O Verġni glorjuża ta' ġmiel u sbuħija,***
***is-sliem għalik!***
***Itlob lil Kristu għalina!"***

Dawn huma l-kelmiet tal-antifona Marjana *Ave Regina Cælorum* li hija waħda mill-antifoni prinċipali li nsibu fit-Talba ta' Għeluq il-Jum fil-Liturġija tas-Sigħat li tingħad mis-saċerdoti, mid-djakni, mir-reliġjużi u anki mil-lajċi. Qabel ir-riforma fil-Liturġija tas-Sigħat, din l-antifona kienet tingħad biss fil-ġranet bejn il-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej (2 ta' Frar) u t-Tridu Mqaddes tal-Għid. Illum, wara r-riforma fl-Uffiċċju Divin, din l-antifona tista' tingħad matul is-sena kollha. L-*Ave Regina Cælorum* tingħaqad mat-tliet antifoni oħra – *Alma Redemptoris Mater*, *Regina Cœli* u *Salve Regina* – li jingħadu fit-Talba ta' Għeluq il-Jum. L-ewwel tnejn huma aktar assoċjati ma' Żmien l-Avvent u Żmien l-Għid rispettivament, filwaqt li din l-antifona u s-*Salve Regina* huma aktar assoċjati maż-żminijiet liturġiċi l-oħra, għalkemm ma hemm indikata l-ebda restrizzjoni partikolari. L-oriġni ta' din it-talba Marjana mhux magħruf, iżda wieħed seta' jsibha f'manuskritt antik li jġib id-data tat-tnax-il seklu wara Kristu.

Matul il-medda tas-snin, kienu bosta l-kompożituri barranin li ġew ispirati mill-kliem sabiħ ta' dan l-innu u ħolqu melodiji mill-isbaħ biex bihom ifaħħru lill-Omm tagħna tas-Sema. Għandna kompożituri li diġà ltqajna ma' xogħlijiet tagħhom f'partijiet oħra ta' din is-sensiela, iżda ser nisimgħu wkoll b'kompożituri relattivament ġodda għal widnejna.

**Orlande de Lassus** għandu kompożizzjoni bbażata fuq it-test ta' dan l-innu. Din hija miktuba fuq l-istil Rinaxximentali u ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-1575. Dan ix-xogħol mużikali ġie miktub għal tliet vuċijiet: sopran, tenur u baxx. Minbarra l-Latin, il-kliem ġie tradott ukoll għall-Ingliż u l-Ġermaniż.

Il-kompożitur **Tomás Luis de Victoria** għandu diversi xogħlijiet sagri. Fost dawn insibu żewġ kompożizzjonijiet tal-*Ave Regina Cælorum*, waħda miktuba għal kor b'erba' vuċijiet u l-oħra għal kor b'ħames vuċijiet. Dawn il-kompożizzjonijiet miktubin fuq l-istil Rinaxximentali ġew ippubblikati għall-ewwel darba fis-sena 1600 u huma maqsuma f'żewġ sezzjonijiet: l-ewwel sezzjoni tibda bil-kelmiet *"Ave Regina Cælorum"* filwaqt li t-tieni sezzjoni tibda bil-kelmiet *"Gaude, Gloriosa"*.



Kompożitur ieħor li għandu xogħol mużikali bbażat fuq din l-antifona Marjana huwa **Pasquale Anfossi**. Din il-kompożizzjoni hija miktuba fuq l-istil Klassiku u ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-1778. Dan ix-xogħol huwa miktub għal vuċi waħda (*alto*) bl-akkumpanjament ta' *continuo*. Bonifacio Domenico Pasquale Anfossi (1727-1797) kien kompożitur Taljan li speċjalizza fl-opri. Imwieled f'Taggia, il-Ligurja, huwa studja għand Niccolò Piccinni u Antonio Sacchini u ħadem prinċipalment f'Londra, Venezja u Ruma. Huwa kiteb 'il fuq minn tmenin opra ta' kull ġeneru, minn opri traġiċi għal opri komiċi. Fl-aħħar snin ta' ħajtu huwa kkonċentra wkoll fuq mużika sagra, b'mod partikolari l-oratorji.

Il-kompożitur **Cristobal de Morales** għandu *Ave Regina Cælorum* miktuba fuq l-istil Rinaxximentali għal kor b'ħames vuċijiet (SAATB).



Il-kompożitur **Alessandro Poglietti** għandu kompożizzjoni bbażata fuq il-kliem tal-innu *Ave Regina Cælorum* miktuba fuq l-istil Barokk għal kor b'ħames vuċijiet (SSATB). Poglietti kien organista u kompożitur Barokk. Fit-tieni nofs tas-seklu sbatax, dan il-kompożitur beda joqgħod Vjenna fl-Awstrija fejn kiseb reputazzjoni tajba ħafna u sar wieħed mill-kompożituri favoriti tar-Re Leopoldu I. Huwa kien jokkupa l-kariga ta' organista fil-Qorti tar-Re għal tnejn u għoxrin sena, mill-1661 sa mewtu waqt l-Assedju Tork li wassal għall-Battalja ta' Vjenna. Alessandro Poglietti huwa magħruf primarjament għall-mużika tiegħu għall-*harpsichord*, b'mod partikolari *Rossignolo* (1677), kollezzjoni ta' diversi biċċiet mużikali għal dan l-istrument u oħrajn.

Kompożitur li diġà għamilna riferenza għalih f'artikli preċedenti huwa **Guillaume Dufay**. Dan għandu wkoll kompożizzjoni mużikali bbażata fuq it-test tal-antifona *Ave Regina Cælorum*, miktuba fuq l-istil Rinaxximentali għal tliet vuċijiet jew tliet strumenti.



Il-kompożitur **Antonio Sacchini** għandu *Ave Regina Cælorum* miktuba fl-istil Klassiku għal solista bl-akkumpanjament tal-pjanu jew tal-orgni. Sacchini (1730-1786) kien kompożitur Taljan li speċjalizza fl-opri. Huwa twieled Firenze imma trabba f'Napli fejn irċieva l-edukazzjoni mużikali tiegħu fil-Konservatorju *San Onofrio*. Huwa kiteb l-ewwel opri tiegħu f'Napli qabel ma mar Venezja, Londra u anki Pariġi, il-belt kapitali Franċiża, fejn eventwalment miet. Fi żmienu, Sacchini kien wieħed mill-kompożituri ċelebri tal-opra.

Kompożitur ieħor li għandu xogħol mużikali bbażat fuq din l-antifona Marjana huwa **Jan Dismas Zelenka**. Dan twieled fir-Repubblika Ċeka fis-16 ta' Ottubru 1679 u miet fit-23 ta' Diċembru 1745. Huwa kien l-aktar kompożitur magħruf għall-istil Barokk f'pajjiżu. Ix-xogħlijiet mużikali tiegħu huma mmarkati b'kontrapunt mużikali mill-aqwa. L-innu tiegħu *Ave Regina Cælorum* ġie miktub fl-1737.

Il-kompożitur **Giovanni Antonio Rigatti** kiteb bosta innijiet u antifoni b'qima, ġieħ u glorja lill-Verġni Marija, fosthom l-*Ave Regina*

*Cælorum.* Din hija miktuba fuq l-istil Barokk għal solista bl-akkumpanjament ta' *continuo.*

Bħal Rigatti, il-kompożitur **Giovanni Felice Sances** kiteb ukoll mużika għal diversi innijiet Marjani. Il-kompożizzjoni tiegħu ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-1640 fuq l-istil Barokk. Sances (*c.* 1600-1679) kien kantant Taljan u kompożitur tal-era Barokka. Fi żmienu huwa kien magħruf ħafna fl-Ewropa. Sances studja f'kulleġġ mużikali f'Ruma bejn l-1609 u l-1614. Huwa deher għall-ewwel darba fl-opra *Amor Pudico* li saret f'Ruma fl-1614. Il-karriera tiegħu ħaditu Bolonja u Venezja. L-ewwel opra li kiteb, *Ermiona*, kienet saret f'Padova fl-1636 u fiha huwa kellu wkoll il-parti prinċipali. Fl-1636, Sances mar Vjenna fejn kien impjegat bħala tenur fil-*cappella* tal-Qorti Imperjali. Fl-1649, fi żmien il-ħakma tar-Re Ferdinand III, huwa ġie appuntat bħala assistent direttur tal-istess *cappella*, fejn ikkollabora ma' Antonio Bertali fid-direzzjoni ta' diversi opri Taljani. Huwa kiteb ukoll mużika sagra u *chamber music.* Fl-1669, wara l-mewt ta' Antonio Bertali, Giovanni Felice Sances ġie appuntat direttur tal-istess *cappella* fejn dam għal erba' snin biss minħabba raġunijiet ta' saħħa. Huwa miet fi Vjenna fl-1679.

Il-kompożitur **Pirro Capacelli Conte Albergati** għandu wkoll bosta motetti u innijiet sagri. Fost dawn wieħed irid isemmi l-*Ave Regina Cælorum* miktuba fuq l-istil Barokk u ppubblikata għall-ewwel darba fl-1691.

Kompożitur ta' żmienna li għandu *Ave Regina Cælorum* miktuba fuq l-istil modern huwa **Simone Jennarelli.** Din il-kompożizzjoni pjuttost riċenti ġiet miktuba fis-16 ta' Mejju 1996 u ndaqqet għall-ewwel darba għall-apprezzament tal-pubbliku fl-1 ta' Ġunju tal-istess sena. Ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-2011. Dan ix-xogħol huwa miktub għal kor b'erba' vuċijiet (SATB).

Kompożituri oħrajn li għandhom xogħlijiet mużikali bbażati fuq l-antifona Marjana *Ave Regina Cælorum* huma **Anton Bruckner, Giovanni Legrenzi** u **Franz Joseph Haydn** li għandu arranġament mużikali mill-isbaħ għal dan l-innu Marjan.

Dawn il-kompożizzjonijiet huma turija ċara tal-ispirazzjoni Marjana li l-kompożituri ħassew meta rriflettew fuq it-test tal-innu *Ave Regina Cælorum.* Huma jgħallmuna biex fit-talb u fil-kant tagħna, b'mod partikolari fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, inkomplu nagħtu tifħir mistħoqq lill-Verġni Mqaddsa Marija! ♦

***Riferenzi:***

http://campus.udayton.edu/mary/resources/antiphon.html.

http://www.ewtn.com/faith/teachings/maryd6b.htm.

P. Santucci, *La Madonna nella Musica.*

*(ikompli minn paġna 18)*

Pinu, stieden il-Poplu Malti u Għawdxi biex jitlobha bħala Sultana tal-Familja. Il-Papa qal hekk: *"**Jien naf bid-devozzjoni partikolari tal-poplu Malti lejn Omm Alla, espress b'fervur kbir lill-Madonna Ta' Pinu**, u għalhekk għandi pjaċir nieħu l-okkażjoni biex nitlob quddiem ix-xbieha tagħha miġjuba hawn apposta minn Għawdex għal din l-okkażjoni. Jien nieħu wkoll pjaċir nippreżenta Warda tad-Deheb lilha, bħala sinjal tal-imħabba filjali li naqsmu lejn Omm Alla. **Nitlobkom b'mod partikolari li titolbuha taħt it-titlu ta' Sultana tal-Familja,** titlu miżjud mal-Litanija ta' Loreto mill-maħbub predeċessur tiegħi, il-Papa Ġwanni Pawlu II..."*

Nitolbu lil Marija. Sultana tal-Familji, biex tbierek, tmexxi u tħares kull waħda mill-familji tagħna. Tkun Hi li tgħinna nissieltu kontra t-tfixkil u tfarraġna fid-dwejjaq u n-niket tagħna.♦



# Mary and the family

Rev. Emanuel Magro

Dear reader, this reflection on Mary and the Family is going to take a different format than the usual one. The reason is that one finds very little information about such a topic in the New Testament. Except from the narratives of the childhood of Jesus as found in the gospel according to Luke and that to Matthew, one only finds a snippet or two about Mary and her family . Consequently, the danger exists that whatever one says about such a theme, one is drawing from one's own imagination attempting to fill in the gaps in the life of Mary

However, there is a very powerful text in the book of Proverbs that discusses the ideal woman, wife and mother. You are invited to read it a couple of times and as you are reading it, keep in mind Mary, our mother in faith. Let the Holy Spirit guide you as you are doing this spiritual exercise and discover the beauty of Our Lady as woman, wife and mother Enjoy.

# From the Book of Proverbs (31: 10-31)

*"The truly capable woman*
*– who can find her?*
*she is far beyond the price of pearls.*

*Her husband's heart*
*has confidence in her,*
*from her he will derive no little profit.*

*Advantage and not hurt she brings him*
*all the days of her life.*

*She selects wool and flax,*
*she does her work with eager hands.*

*She is like those merchant vessels,*
*bringing her food from far away.*

*She gets up while it is still dark*
*giving her household their food,*
*giving orders to her serving girls.*

*She sets her mind on a field,*
*then she buys it;*
*with what her hands have earned*
*she plants a vineyard.*

*She puts her back into her work*
*and shows how strong her arms can be.*

*She knows that her affairs are going well;*
*her lamp does not go out at night.*

*She sets her hands to the distaff,*
*her fingers grasp the spindle.*

*She holds out her hands to the poor,*
*she opens her arms to the needy.*

*Snow may come,*
*she has no fears for her household,*
*with all her servants warmly clothed.*

*She makes her own quilts,*
*she is dressed in fine linen and purple.*

*Her husband is respected at the city gates,*
*taking his seat*
*among the elders of the land.*

*She weaves materials and sells them,*
*she supplies the merchant with sashes.*

*She is clothed in strength and dignity,*
*she can laugh at the day to come.*

*When she opens her mouth,*
*she does so wisely;*
*on her tongue is kindly instruction.*

*She keeps good watch*
*on the conduct of her household,*
*no bread of idleness for her,*

*Her children stand up*
*and proclaim her blessed,*
*her husband, too, sings her praises:*

*'Many women have done*
*admirable things,*
*but you surpass them all!'*

*Charm is deceitful, and beauty empty;*
*the woman who fears Yahweh*
*is the one to praise.*

*Give her a share in what*
*her hands have worked for,*
*and let her works tell her praises*
*at the city gates."*

*Mary, mother of the family,*
*pray for us!* ♦




### Tislima lill-Marjologu Patri Stefano De Fiores: *Il-Marjoloġija Kristoloġika ta' Stefano De Fiores: Nagħrfu l-Iben permezz tal-Omm*



Nhar il-Ħadd, 15 ta' April filgħodu, hekk kif il-Knisja kienet qed tiċċelebra Jum il-Ħniena Divina, il-Mulej sejjaħ għal għandu lil Stefano De Fiores (1933-2012). Don Stefano, bniedem ta' ġenjalità u studjuż ta' karattru intellettwali u spiritwali, ta kontribut wiesa' lill-iżvilupp u l-aġġornament tar-riflessjoni Marjoloġika ta' wara l-Konċilju Vatikan II. Id-diversi studji tiegħu, illum magħrufa sewwa u tradotti f'diversi ilsna, huma xhieda tal-passjoni kbira li kellu għall-Verġni Mqaddsa Marija u għall-istorja teoloġika, spiritwali u kulturali tal-Kristjaneżmu u lil hinn minnu. Don Stefano kien jgħallem fi ħdan l-Università Pontifiċja Gregorjana u l-Fakultà Teoloġika Pontifiċja *Marianum*. Fl-1990 ingħata l-Premju *Laurentin Pro Ancilla Domini*. Il-Marjologu magħruf Franċiż Renè Laurentin esprima l-ferħ tiegħu għall-produzzjoni Marjoloġika tiegħu universalment rikonoxxuta u apprezzata.

Ta' min isemmi żewġ xogħlijiet ewlenin ta' Del Fiores fil-qasam tal-Marjoloġija: l-ewwel wieħed huwa dizzjunarju, li serva bħala editur tiegħu flimkien ma' Salvatore Meo li miet fl-1990, bl-isem *Il Nuovo Dizionario di Mariologia*, maħruġ mill-Pawlini fl-1985; u mbagħad il-ktieb voluminuż bl-isem *Mariologia. I dizionari*, li ħareġ flimkien ma' Valeria Ferrari Schiefer fl-2009, ippubblikat ukoll mill-Pawlini. Il-kwalità u l-kwantità fil-ħidma tiegħu kompliet għaddejja, u ppubblika fost l-oħrajn *Storia culturale della Mariologia* fl-2005 u l-volumi *Maria. Nuovissimo dizionario* li ħarġu bejn l-2006 u l-2008; dawn tal-aħħar jitqiesu li jiffurmaw is-*summa* Marjoloġika tiegħu.

De Fiores huwa l-fundatur tal-Assoċjazzjoni Marjoloġika Interdixxiplinari Taljana (AMI) li għandha bħala għan tagħha l-promozzjoni tar-riċerka xjentifika dwar il-Verġni Marija fil-kuntest tal-fidi tal-Knisja u b'apertura għad-dimensjoni ekumenika, fi djalogu max-xjenzi teoloġiċi u dawk umani u f'kollaborazzjoni ma' assoċjazzjonijiet oħra simili fuq livell internazzjonali. Riżultat

tal-ħidma ta' din l-għaqda, sa mill-1990 toħroġ ir-rivista *Theotokos*.

De Fiores kien ukoll membru ta' Kongregazzjoni Marjana reliġjuża li beda San Alwiġi Grignon de Montfort, l-awtur tal-famuż *Trattat fuq id-Devozzjoni Vera lejn Marija*. Dan il-qaddis kien jemmen li "l-umanità għandha dejn universali lejn Marija minħabba fi Kristu". Frott ir-relazzjoni totali tagħha ma' Alla Trinitarju, mal-Knisja u mal-umanità, Marija hija "ġid u valur prezzjuż tal-komunità, mhux biss dik Nisranija". L-Omm ta' Ġesù hija dejjem sintonizzata mal-ħtiġijiet tal-bnedmin u tal-mara ta' kull żmien, u bħal oħt li tħobb, tiswa ta' faraġ fil-mument tat-tbatija u hija wkoll "tama fit-tbatija, mudell ta' ħajja ideali minħabba fl-identifikazzjoni tagħha, kif ukoll omm mimlija mħabba li fiha tinkiseb il-maturità fi Kristu u fl-Ispirtu għall-glorja tal-Missier".

F'dan id-diskors sinifikattiv jinsab il-*humus* teoloġiku għani u Montfortjan imħaddan minn De Fiores. Fl-aħħar ktieb tiegħu bit-titlu emblematiku *Educare alla vita buona del Vangelo con Maria*, ippubblikat fis-sena 2012, wieħed isib dak li jista' jitqies bħala t-testment Marjan ta' De Fiores. Hu jgħid ċar u tond li huwa "fl-iskola ta' din l-għalliema, li takkumpanjana fil-fażijiet kollha tal-ħajja spiritwali mill-Magħmudija sal-glorja, li aħna nsibu l-formazzjoni tagħna fuq ix-xbieha ta' Kristu".

## Ippubblikat it-tieni volum ta' *Storja tal-Marjoloġija*

Wara l-panorama Bibliko-Kristjana li hija propja tal-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu, miġbura fl-ewwel volum ta' *Storja tal-Marjoloġija* (*Città Nuova*), issa qed joħroġ għad-dawl it-tieni volum bl-isem *Dal modello letterario europea al modello manualistico*, editjat minn E. Boaga u L. Gambero. F'dan it-tieni volum insibu eżami tal-epoki suċċessivi b'riferiment partikulari għal-letteratura u għat-teatru fl-epoka Medjevali u dik Rinaxximentali. Dawn ir-realtajiet jiffurmaw is-sitwazzjonijiet li fihom il-bniedem jgħix u jimmatura quddiem il-Misteru li, kif naqraw fil-*Lumen Gentium* 62, "ma jeskludux imma jqajmu fil-kreatura sens ta' koperazzjoni li tipparteċipa mill-għajn unika u ewlenija". Din nistgħu nqisuha bħala frażi li għandha ħafna piż għax tiżvela l-kundizzjoni ta' min jemmen, liema kundizzjoni tappartieni lilu bħala kollaboratur tas-salvazzjoni. Il-bniedem huwa pellegrin li jżur il-katidrali u s-santwarji imma li jesperimenta vjaġġ b'ħafna diffikultajiet, l-istess diffikultajiet li l-ħajja timponi f'dan il-pellegrinaġġ li mhuwiex nieqes mid-dimensjoni penitenzjali. L-eżempju l-aktar konkret insibuh marbut ma' konnotazzjoni Marjana: din hija d-diffużjoni tal-element tal-kewkba applikat għal Marija, bl-għeruq tiegħu fil-kitbiet ta' San Bernard imma b'mod partikulari fil-qasam tal-innijiet. L-innu *Ave Maris Stella* huwa attribwit lil San Bernard.




Dan it-tieni volum jiġbor fih l-aspetti tad-devozzjoni u l-ispiritwalità ta' matul il-Medjuevu li huma frott l-għixien konkret li jikkaratterizzahom; minn naħa waħda nsibu d-dimensjoni salvifika Paskwali u min-naħa l-oħra l-impenn tal-Iskrittura u t-Tradizzjoni li jagħtu ħajja anki lid-diversi opri letterarji u teatrali. Għall-bniedem Medjevali, il-qima lejn l-Omm tal-Mulej tieħu l-forma tagħha f'forma triplika: fil-qima li tingħatalha, fit-talb li jsirilha b'ċerta kunfidenza, u fl-imitazzjoni tal-virtujiet tagħha. Mal-wasla tal-ordnijiet mendikanti, dawn it-tliet aspetti ma jibqgħux biss karatterisitiċi tar-reliġjużi, imma jsiru tal-Knisja kollha. Jitwieldu għalhekk ċerti ġenri letterarji li jilħqu l-qofol tagħhom fl-epoka umanistika u li jkollhom ukoll ċerti għanijiet pedagoġiċi u edifikanti. It-talb ta' tifħir fih ukoll karattru penitenzjali u anki kontemplazzjoni serena.

Tissemma, kif wieħed jistenna, *La Divina Commedia* tal-poeta ċelebri Dante Alighieri, li fiha tifħir lill-Verġni Marija. Skond il-kitba ta' C. De Lollis, din tippreżentalna tliet figuri femminili ewlenin: Marija, Santa Luċija u Beatrice, it-tliet nisa li jispiraw lil Dante li jasal biex jikkontempla "l-imħabba li tħarrek ir-ruħ u l-kwiekeb l-oħra" (*Paradiso* XXXIII, 145). Dan l-akbar poeta Taljan u Ewropew, li għalih M. Zink japplika l-espressjoni "patrun qaddis tal-letteratura Ewropea", iqis lil Marija bħala l-kewkba li fiha tinstab il-konsolazzjoni defenittiva. Il-volum ifittex li joħloq rapport bejn il-poeżija u t-teoloġija. Imma Marija tibqa' dak li Dante jsejjaħlu *"termine fisso d'eterno consiglio"* (XXXIII, 3), anki għall-poeta l-ieħor kbir tal-Medjuevu, jiġifieri Francesco Petrarca (†1374).

## Ċentru Marjan f'Nazareth



Ftit tax-xhur ilu fetaħ f'Nazareth mużew dwar il-ħajja u s-sinifikat tal-Verġni Marija. Iċ-Ċentru Internazzjonali *Marija ta' Nazareth* jinsab bejn iż-żewġ knejjes prinċipali ddedikati lill-Madonna u San Ġużepp rispettivament. Dawn huma l-Bażilika tat-Tħabbira u l-knisja tal-Patrijarka San Ġużepp. Iċ-ċentru jinsab mibni madwar id-dar tal-ewwel seklu li kienet mixkufa waqt ix-xogħol ta' kostruzzjoni fuq dan iċ-ċentru. L-għan taċ-ċentru l-ġdid hu li jġib 'il quddiem id-djalogu ekumeniku bejn ir-reliġjonijiet u li jiġbed pellegrini, studenti u nies lokali, kemm Insara u kemm mhumiex. Fost l-aspetti attraenti tiegħu, ta' min isemmi numru ta' *multimedia shows* u filmati li juru l-post li tgawdi l-Verġni Marija fil-knejjes tal-Lvant, fl-ekumeniżmu, fil-Ġudaiżmu u fl-Iżlam. Iċ-ċentru huwa mmexxi mill-komunità lajka Franċiża bl-isem *Chemin Neuf* u jinkludi wkoll kappella u ġonna għar-riflessjoni u l-meditazzjoni. Il-websajt ta' dan il-post hija www.cimdn.org.

## Sorijiet Anglikani f'Walshingham isiru Kattoliċi



Tliet sorijiet Anglikani li kienu jservu fi ħdan il-komunità reliġjuża ta' Walshingham – il-post fl-Ingilterra magħruf bħala s-santwarju Marjan numru wieħed tar-Renju Unit – ħallew il-komunità tagħhom wara li wrew interess li jħaddnu l-Ordinarjat Personali mwaqqaf mill-Papa għall-Anglikani li jridu jsiru Kattoliċi, u issa bdew perjodu ta' dixxerniment. Fi stqarrija li għamlu, is-sorijiet qalu: "F'Diċembru 2010, Swor Wendy Renate, Swor Jane Louise u Swor Carolyne Joseph ħallew il-Prijurat tal-Madonna ta' Walshingham għal perjodu ta' dixxerniment bl-intenzjoni li jingħaqdu mal-Ordinarjat meta dan ikun imwaqqaf. Nitolbu għalihom". Il-komunità Anglikana ma kellha ebda rabta partikulari mat-tmexxija tas-santwarju Anglikan ta' Walshingham. Ta' min jgħid li kull min iżur is-santwarju Marjan f'Walshingham jintebaħ li hemm fil-fatt żewġ santwarji: dak oriġinali Kattoliku li jinsab f'idejn l-Anglikani u dak Kattoliku li twaqqaf ħafna snin wara r-Riforma Protestanta fl-1897. ♦

# Mill-Ħajja tas-Santwarju



miġbura minn
Ivan Attard

## JANNAR 2012

**Il-Ħamis, 5:** Il-Kan. Simon Sciberras, akkumpanjat minn Dun John Muscat, iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla u lill-Verġni Marija għas-sena li għaddiet, u talab l-għajnuna spiritwali għas-sena li ġejja.

**Is-Sibt, 7:** Tliet trabi rċivew is-sagrament tal-Magħmudija fis-Santwarju: Matthias Farrugia, iben Manuel u Maureen Farrugia; Sheldon Debrincat, iben Kevin u Ritienne mwielda Vella; u Clint Farrugia, iben Christian u Caroline Farrugia.

**Il-Ġimgħa, 20:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna fi tmiem l-irtir annwali tas-saċ'erdoti żgħażagħ, immexxi minn Patri Paul Chetcuti SJ.

**Is-Sibt, 21:** Saret it-tifkira popolari tat-Tieġ tal-Verġni Mbierka. Il-Quddiesa Solenni tas-6.30pm tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech u kienet animata mill-Kor *Nativitas* akkumpanjat fuq l-orgni minn Ivan Attard. Fi tmiem din iċ-ċelebrazzjoni, saret it-Talba ta' Affidament tal-familji preżenti lill-Madonna Ta' Pinu, waqt li l-koppji ġeddew il-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom. Sar ukoll, skond it-tradizzjoni, it-tqassim tal-ħelu mbierek assoċjat ma' din il-festa.

**Il-Ġimgħa, 27:** Dun Raymond Cassar, saċerdot miż-Żurrieq, iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla u lill-Madonna Ta' Pinu.

**Is-Sibt, 28:** Saret iċ-ċelebrazzjoni djoċesana tal-Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu organizzata mill-Azzjoni Kattolika ta' Għawdex.



Iċ-ċelebrant kien l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, u ġew ippreżentati 23 tarbija lill-Madonna. Jassisti lil Mons. Isqof kien hemm Mons. Carmelo Hili, Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan.

**Il-Ħadd, 29:** Ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija lil Neil Musù, iben Jacqueline Camilleri mill-parroċċa tal-Katidral u Simon Musù mill-parroċċa tal-Qawra. Iċċelebra s-sagrament Dun Joe Calleja.

**It-Tlieta, 31:** L-Isqof tal-belt ta' Lourdes, Mons. Jacques J. Perrier, żar is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu u ċċelebra Quddiesa flimkien mal-Kan. Joe Caruana, Arċipriet tal-parroċċa tal-Mellieħa. Wara, ir-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar dawru mas-Santwarju u ppreżentalu l-ktieb *A Temple to Our Lady: Ta' Pinu Basilica* bħala tifkira taż-żjara tiegħu fostna.

***Pellegrinaġġi:***

**L-Erbgħa, 4:** Saru pellegrinaġġi mill-parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem u mill-parroċċa ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija.

**Is-Sibt, 7:** Sar pellegrinaġġ ta' radd il-ħajr lil Alla mill-parroċċa ta' San Nikola fis-Siġġiewi, fi tmiem il-parrokat tal-Arċipriet Emeritu u l-bidu tal-ħidma pastorali tiegħu fil-parroċċa tal-Mosta.

**Il-Ħamis, 12:** Sar pellegrinaġġ li tmexxa mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Angelo Bagnasco ta' Genoa. Il-Kardinal żar u qaddes fis-Santwarju Ta' Pinu flimkien ma' 26 saċerdot mid-Djoċesi ta' Genoa. Ta' kull sena, gruppi ta' saċerdoti jgħaddu xi jiem ta' mistrieħ u talb mal-Isqof tagħhom. Is-saċerdoti li ġew mal-Kardinal Bagnasco kollha ġew ordnati matul dawn l-aħħar għaxar snin. Il-Kardinal staqsa lir-Rettur jekk is-Santwarju għandux xi dar tal-irtiri, għaliex jixtieq li kull sena gruppi ta' saċerdoti jgħaddu xi jiem irtir f'dan il-post. Ir-Rettur Dun Gerard Buhagiar urieh il-proġett tas-Santwarju, li jinkorpora fih ukoll dar tal-irtiri, iżda qallu li dan ikun possibbli biss jekk jinħarġu l-permessi meħtieġa. Ta' min jinnota li l-Kardinal Bagnasco huwa l-President tal-Konferenza Episkopali Taljana.



**L-Erbgħa, 18:** Sar pellegrinaġġ minn tliet saċerdoti Maltin b'radd il-ħajr lil Alla għall-grazzji kollha maqlugħa matul il-ħajja saċerdotali tagħhom.

**Il-Ġimgħa, 27:** Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, il-Fontana, li tmexxa minn Dun Ġorġ Vella u ntemm b'Quddiesa.

## FRAR 2012

**Il-Ħadd, 5:** Fid-djoċesi tagħna ġie ċċelebrat Jum il-Ħajja, li laħaq il-qofol tiegħu b'mixja favur il-ħajja lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu fl-4.00pm. Matul il-mixja saru disa' waqfiet simboliċi li jirrappreżentaw id-disa' xhur tat-tarbija fil-ġuf tal-omm, li matulhom inqraw ħsibijiet u siltiet mill-Iskrittura miktuba minn Dun Richard N. Farrugia. F'din il-mixja, organizzata minn *Dar Ġużeppa Debono*, xi studenti tas-*Sixth Form* imxew fuq quddiem bi *streamer* favur il-ħajja, waqt li tfal ċkejknin għamlu żifna simbolika waqt kull waqfa. Din il-mixja laħqet




il-qofol tagħha mal-wasla fis-Santwarju, fejn Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni li fiha wassal il-messaġġ tiegħu dwar il-ħajja u r-rispett tagħha sa mit-tnissil. Din iċ-ċelebrazzjoni djoċesana kienet imxandra wkoll fuq *Radju Marija*.

**Il-Ġimgħa, 10:** Solennità tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl. Ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija lil Ian Portelli, iben Jonathan (parroċċa tax-Xagħra) u Susan imwielda Mizzi (parroċċa ta' Għajnsielem), residenti fis-Swatar. Iċ-ċelebrant kien Dun Anthony George Caruana. Wara l-Quddiesa, saret il-preżentazzjoni ta' tarbija lill-Madonna Ta' Pinu.

**L-Erbgħa, 22:** Il-Knisja Universali tat bidu għal Żmien ir-Randan. Kull nhar ta' Erbgħa, fis-Santwarju, saru l-Eżerċizzi tar-Randan minn Patri Mark Demanuele MSSP u Dun Geoffrey George Attard.

**Il-Ħadd, 26:** Ir-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'għeluq snin Regina Borg mix-Xagħra.

***Pellegrinaġġi:***

**L-Erbgħa, 1:** Sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju mill-parroċċa tal-Madonna ta' Loretu f'Għajnsielem.

**Il-Ħadd, 5:** Dun John Daley iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla fi tmiem pellegrinaġġ li sar lejn is-Santwarju minn tmenin pellegrin Ingliż.

**L-Erbgħa, 8:** Sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju li tmexxa mill-Kardinal Agostino Vallini, il-Vigarju tal-Papa. Flimkien miegħu kien hawn erba' isqfijiet awżiljarji flimkien ma' 150 saċerdot mid-Djoċesi ta' Ruma. Huma ntlaqgħu fis-Santwarju mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech flimkien mar-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar. Fil-11.30am il-Kardinal Vallini mexxa Konċelebrazzjoni Solenni ta' Radd il-Ħajr lil Alla fis-Santwarju. Wara, sar riċeviment tal-okkażjoni fis-sala ta' taħt is-Santwarju li għaliha attenda wkoll l-Isqof Mario Grech flimkien mas-saċerdoti Għawdxin Dun Daniel Xerri, ir-Rettur tas-Seminarju, Dun Giovanni Curmi, Segretarju Pastorali Djoċesan, u Dun Anton Teuma, Delegat





tal-Isqof għall-Familja. Il-Kardinal Vallini faħħar il-ħidma mwettqa mis-saċerdoti Għawdxin li qegħdin jaqdu l-ministeru tagħhom f'Ruma. Fil-preżent hemm tnax-il saċerdot Għawdxi li qed jistudjaw jew iwettqu ħidma pastorali f'Ruma, wieħed minnhom fl-uffiċċju ta' kappillan.

## MARZU 2012

**Is-Sibt, 17:** Saret Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech f'għeluq it-tletin anniversarju mit-twelid tal-ewwel Komunitajiet Neo-Katekumenali.

**Is-Sibt, 24:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa fi tmiem l-irtir annwali tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ li jiffrekwentaw il-knisja ta' Ġesù Nazzarenu, ix-Xagħra. Qaddes Dun Anton Teuma.





**Il-Ħadd, 25:** Saret żjara lis-Santwarju mill-Kardinal il-ġdid, l-Eminenza Tiegħu Mons. Braz de Avis, Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Istituti tal-Ħajja Kkonsagrata u s-Soċjetajiet tal-Ħajja Appostolika. Huwa kien akkumpanjat min-Nunzju Appostoliku l-E.T. Mons. Tommaso Caputo, flimkien mal-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech. Il-Kardinal ġie milqugħ fuq iz-zuntier tal-Bażilika mir-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar u meta daħal fil-knisja sab jilqgħuh numru sabiħ ta' reliġjużi, fosthom il-komunità tas-Sorijiet Klarissi tal-Klawsura li, għal din l-okkażjoni, inħarġilhom permess speċjali biex joħorġu mill-monasteru tagħhom u jiltaqgħu mal-Kardinal il-ġdid. Sar xi talb fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu, waqt li fi tmiem iż-żjara, ir-reliġjużi kantaw innijiet Marjani u rċivew il-barka tal-Kardinal. Ir-Rettur offra lill-Kardinal il-ktieb dwar il-Bażilika Ta' Pinu u wara, il-Kardinal iffirma l-Ktieb tal-Viżitaturi.

Fis-6.30pm, Mons. Isqof Mario Grech mexxa l-meditazzjoni djoċesana tal-*Via Crucis* fuq l-Għolja Ta' Għammar. Il-meditazzjonijiet ġew maqluba għall-Malti minn Francesco Pio Attard, filwaqt li l-Kor *Stella Maris* anima l-kant taħt id-direzzjoni tas-Surmast Carmel P. Grech. Din iċ-ċelebrazzjoni kienet imxandra wkoll fuq *Radju Marija*.





***Pellegrinaġġi:***

**Is-Sibt, 2:** Sar pellegrinaġġ organizzat mill-parroċċa ta' San Lawrenz fil-Birgu. Din iż-żjara saret bħala parti minn *weekend* ta' mistrieħ u divertiment fil-gżira

Għawdxija. Fl-istess jum, saret żjara lill-Madonna Ta' Pinu mis-seminaristi tal-Arċidjoċesi ta' Malta, li talbu flimkien l-Għasar. Mexxa ċ-ċelebrazzjoni Dun Dion Bugeja.

**Il-Ħadd, 3:** Sar il-pellegrinaġġ annwali tar-Randan organizzat b'mod konġunt bejn il-parroċċa tan-Nadur u l-parroċċa tax-Xagħra. Saret il-meditazzjoni tal-*Via Crucis*, filwaqt li Mons. Jimmy Xerri, Arċipriet tan-Nadur, mexxa Quddiesa fis-Santwarju.

**It-Tlieta, 5:** Saru pellegrinaġġ u Quddiesa mill-parroċċa ta' Għajnsielem li tmexxew minn Patri Alfred Sciberras OFM.

**L-Erbgħa, 6:** Grupp ta' 26 persuna mill-Awstralja għamlu żjara lill-Madonna Ta' Pinu. Fl-istess jum saret żjara lis-Santwarju minn grupp ta' koppji Maltin.

**Il-Ħamis, 14:** Sar pellegrinaġġ mill-Grupp *Familja ta' Nazareth* u miċ-Ċentru *Sant'Andrija* tal-Mosta.

**Il-Ħadd, 18:** F'dan ir-raba' Ħadd tar-Randan saru żewġ pellegrinaġġi penitenzjali tar-Randan lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, wieħed mill-parroċċa ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi u l-ieħor mill-parroċċa ta' Marija Assunta, iż-Żebbuġ, Għawdex.

**It-Tnejn, 19:** F'dan il-jum ta' festa f'ġieħ San Ġużepp, saru tliet pellegrinaġġi lejn is-Santwarju: mill-parroċċa tal-Birgu, immexxi mill-Kummissjoni Familja u l-Arċipriet il-Kan. Joe Cilia; mill-Ordni Franġiskan Sekular, mill-kunvent tal-Kapuċċini tal-Kalkara, immexxi minn Dun Godfrey Zarb; u mill-Grupp *Ward u Żahar*.

**L-Erbgħa, 21:** Saret żjara lis-Santwarju minn grupp ta' pellegrini mill-parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja, Ħaż-Żabbar.

**Il-Ħamis, 22:** Sar pellegrinaġġ mit-Terzjarji tal-parroċċa ta' Marija Reġina, il-Marsa.

**Is-Sibt, 24:** Sar pellegrinaġġ penitenzjali tar-Randan mill-parroċċa tal-Viżitazzjoni tal-Madonna fl-Għarb. Il-pellegrinaġġ sar b'radd il-ħajr lil Alla fi tmiem l-eżerċizzi spiritwali f'din il-parroċċa u ntemm b'Quddiesa mill-Arċipriet Mons. Joseph Sultana.

**It-Tlieta, 27:** Saru pellegrinaġġi lejn is-Santwarju mill-parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem, Birkirkara, immexxi mill-Kappillan Dun Josef Mifsud, u mill-parroċċa ta' San Nikola, is-Siġġiewi, immexxi minn Mons. Daniel Schembri.

**Il-Ħamis, 29:** Sar pellegrinaġġ minn grupp ta' rġiel Mostin. Fl-istess jum, żaru wkoll lill-Madonna Ta' Pinu grupp ta' studenti mill-Iskola *Santa Katerina* ta' Pembroke. Saret il-meditazzjoni tal-*Via Crucis* u ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Dun Michael Cauchi.

**Il Ġimgħa, 30:** Tifkira devozzjonali ta' Sidtna Marija Addolorata. It-tfal li jattendu l-Iskola Primarja *Laura Vicuna*, immexxija mis-Sorijiet Salesjani, iċċelebraw din il-festa fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Ġiet iċċelebrata Quddiesa tal-okkażjoni minn Mons. Mikiel Mintoff u wara saret il-*Via Crucis* fuq iz-zuntier tal-Bażilika. It-tfal, li kienu jgħoddu madwar 150, kienu akkumpanjati mill-għalliema u l-kap tal-iskola, Swor Antoinette Pace.

**Is-Sibt, 31:** Sar pellegrinaġġ organizzat mill-parroċċa ta' Santa Venera. Ġiet iċċelebrata Quddiesa u wara saret il-*Via Crucis* fuq l-Għolja Ta' Għammar, faċċata tas-Santwarju. Mexxa ċ-ċelebrazzjoni l-Kappillan Dun Alex Camilleri OCARM.

# *Magħhom infaħħru lil Alla*

Matul din is-sena diversi huma dawk is-saċerdoti mid-Djoċesi ta' Għawdex li qed jiċċelebraw il-Ġublew Presbiterali tal-Fidda jew tad-Deheb. **Il-Bord Editorjali** jingħaqad magħhom f'innu ta' radd il-ħajr lil Alla għal tant grazzji li l-Mulej xeħet fuqhom u, permezz tagħhom, fuq il-poplu kollu ta' Alla matul dawn is-snin kollha ta' ħidma fl-għalqa tiegħu. Ejjew ningħaqdu mal-Verġni Marija u bi kliemha llissnu innu ta' tifħir lil Alla, għax tassew is-Setgħani għamel magħhom ħwejjeġ kbar! Fost dawn nixtieqi nsellmu partikularment lil erbgħa minnhom, li parti mill-ħidma saċerdotali tagħhom hija marbuta mas Santwarju tal Madonna Ta' Pinu.



- **L-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca**, li s-sena qed irodd ħajr lil Alla għal sittin sena ta' ħajja saċerdotali. Mons. Mercieca hu mill-parroċċa ta' San Ġorġ, u fil-fatt twieled il-Belt Victoria, nhar it-12 ta' Novembru 1928. Ġie ordnat saċerdot nhar it-8 ta' Marzu 1952 mill-Isqof Ġużeppi Pace fil-knisja ta' San Ġakbu, ir-Rabat, Għawdex. L-imħabba tal-Isqof Mercieca lejn il-Madonna Ta' Pinu hija waħda profonda. Kull meta kien jiġi Għawdex dejjem kien isib ħin biex jiġi jitlob fis-skiet tal-Kappella tal-Madonna u hemm ukoll jiċċelebra l-Quddiesa u jafda l-missjoni tiegħu f'riġlejn il-Verġni Mbierka. F'din is-sena partikolari huwa ser imexxi Pontifikal Solenni ta' Radd il-Ħajr propju nhar il-Festa tal-Madonna Ta' Pinu, jiġifieri fit-22 ta' Ġunju, fit-8.00pm.



- **Mons. Salv Debrincat** twieled fl-10 ta' Lulju 1937, il-Munxar, u ġie ordnat saċerdot fis-7 ta' April 1962 mill-Isqof ta' Għawdex Mons Ġużeppi Pace. Hekk is-sena hu qed ifakkar il-ħamsin anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Parti mill-ħidma saċerdotali huwa jwettaqha fis-Santwarju Ta' Pinu. Ta' kull nhar ta' Ħadd jiċċelebra s-sagrifiċċju tal-Quddiesa fil-5.00pm u huwa wkoll wieħed mill-konfessuri fis-Santwarju.



- **Dun Alex Refalo** hu mill-parroċċa tax-Xagħra u twieled nhar id-9 ta' Ottubru 1961. Din is-sena qed jiċċelebra l-ħamsa u għoxrin sena mill-ordinazzjoni tiegħu, li saret nhar is-27 ta' Ġunju 1987, fil-Katidral ta' Għawdex, mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Dun Alex huwa wieħed mill-kittieba regolari fir-rivista *Madonna Ta' Pinu* u ilu jagħmel dan mis-sena 2002.



- **Dun Gerard Buhagiar** hu wkoll mill-parroċċa tax-Xagħra, u twieled fl-24 ta' Ġunju 1962. Bħal sieħbu Dun Alex, huwa ġie ordnat saċerdot mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi, nhar is-27 ta' Ġunju 1987. Ta min ifakkar li fl-1987 fid-dinja Kattolika kienet qed tiġi ċċelebrata s-Sena Marjana. Huwa ġie maħtur rettur tas-Santwarju Ta' Pinu mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech u ilu l-editur ta' din ir-rivista sa mis-sena 2002.

**Lil dawn is-saċerdoti tagħna, filwaqt li nirringrazzjawhom tal-ħidma tagħhom, inwiegħduhom it-talb tagħna u minn qalbna ngħidulhom:** ***Ad multos annos!*** ♦




# L-Għanja tal-Qaddejja
## (Il-15-il Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring,*
*maqlub għall-Malti*
*minn Francesco Pio Attard*

### Wildet l-ewwel iben tagħha

"F'dik il-ħabta Ċesari Awgustu ħareġ digriet biex isir ċensiment fid-dinja kollha. Dan kien l-ewwel ċensiment li sar meta Kirinu kien Gvernatur tas-Sirja. U kulħadd mar biex jinkiteb, kull wieħed fil-belt tiegħu. Ġużeppi wkoll mar mill-Galilija, mill-belt ta' Nazareth, u tala' l-Lhudija, fil-belt ta' David jisimha Betlehem – għax hu kien mid-dar u l-familja ta' David – biex jinkiteb flimkien ma' Marija, l-għarusa tiegħu, li kienet tqila. Ġara li, meta kienu hemm, Marija għalqilha ż-żmien biex teħles, u wildet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda" (Lq 2:1-7).

Il-waqt il-kbir li d-dinja kollha ilha tistenna issa wasal. U f'din is siegħa, Marija u Ġużeppi qed jgħixu bl-ikbar intensità l-eżodu, il-pellegrinaġġ ta' Abraham, Iżakk, Ġakobb u l-patrijarka Ġużeppi, ta' Mosè u tal-poplu kollu. Huma jantiċipaw l-istorja tal-Knisja pellegrina fid-dinja.



F'faqar mill-akbar, imma b'fidi u fiduċja u mħabba kbira bħala l-veru għana tagħhom, Marija u Ġużeppi dan il-waqt ta' l-għaġeb fl-istorja tas-salvazzjoni jgħixuh f'għar fqir ta' l-annimali. Iċ-ċirkustanzi esterni m'għandhomx itellfu l-ħarsa tagħna lanqas naqra minn Dak li hu kollox f'kull ħaġa, li hu l-ikbar don tal-Missier lill-ħolqien tiegħu. Hu t-tarbija l-iktar mixtieqa, l-iktar mistennija, l-iktar maħbuba. U din it-tarbija mqiegħda f'maxtura hi l-Prinċep tas-Sliem, is-Sultan tas-slaten.

Dan il-waqt kbir jurina t-tifsira vera tal-faqar x'inhi. Marija u Ġużeppi qed itennulna verità waħda u kbira: Alla waħdu biżżejjed. X'setgħu jixtiequ iżjed milli jagħrfu lil dak li Alla diġà semma – u li huma jsemmu – Ġesù, Feddej, Għimmanu-El, Alla magħna!

Ġesù hu l-ewwel iben ta' Marija. Dan ma jfissirx li hi wildet ulied oħra. Imma dawn

il-kelmiet iridu jfissru wkoll li dik li tagħti isem lill-Iben waħdieni tal-Missier magħmul bniedem fiha, "l-ewwel iben" tagħha, taf li fil-familja l-ġdida Ġesù għad ikollu ħafna aħwa. Hu l-ewwel wild tal-ħolqien kollu; fih, il-Verb etern tal-Missier, ġie maħluq kollox, u kollox sar għalih li ġie fid-dinja bħala d-dawl u l-ħajja tad-dinja. Hu l-ewwel iben; l-uniku Wieħed li għandu d-dritt sħiħ mit-twelid li lil Alla li jista' kollox isejjaħlu Missieru. Hu l-Iben il-waħdieni tal-Missier u fl-istess ħin hu l-ewwel iben; għax hu jrid isejħilna lkoll biex inkunu ħutu u biex ningħaqdu miegħu fl-għajta hienja: *"Abba,* Missier". Hu fih li aħna nistgħu ngħidu: "Missierna". U huwa wkoll minħabba fih li għandna dritt li lil Marija nsejħulha ommna.

***O Alla ta' kull qdusija,***
***aħna ninżlu għarkubbtejna***
***u nfaħħru l-għerf tiegħek.***
***Aħna nadurawk***
***fl-ewwel iben ta' Marija,***
***fl-Iben il-waħdieni tiegħek***
***li fih tajtna kollox***
***u li fih tajtna li nsejħulek Missierna.***
***Aħna nfaħħruk,***
***għax int urejt li int Missier,***
***bil-ħlewwa***
***ta' l-imħabba paterna tiegħek,***
***meta tajtna lil Ġesù bħala ħuna***
***u lil Marija bħala ommna.***
***Jalla ħajjitna kollha***
***tirrifletti l-kobor tiegħek,***
***u jalla l-ispirtu tagħna jifraħ fik***
***u fil-ferħ li tajtna***
***f'Ġesù Kristu.***
***Agħmilna grati.***
***Jalla l-Ispirtu Qaddis tiegħek***
***jinżel fuqna biex ħajjitna kollha***
***ssir radd ta' ħajr, għoġba, adorazzjoni***
***u tifħir ta' ismek.***

***O Marija, min jaf kemm kien kbir***
***il-ferħ tiegħek f'dak il-waqt!***
***L-uġigħ tal-ħlas, it-tbatija ta' l-eżodu,***
***il-faqar ta' l-għar***
***huma biss l-isfond tal-ferħ tiegħek.***
***M'għandek l-ebda teżor ieħor***
***ħlief lil Ġesù, l-ewwel iben tiegħek;***
***u m'għandek l-ebda xewqa oħra***
***ħlief li tikber fil-fiduċja fih***
***li hu l-Għimmanu-El, Alla magħna,***
***il-fidwa tagħna, il-ferħ tagħna.***
***Itlob għalina***
***biex niksbu dak il-faqar fl-ispirtu***
***li jagħtina li nsibu lil Ġesù,***
***it-teżor waħdieni tagħna,***
***l-imħabba waħdanija tagħna,***
***u li nitgħallmu nħobbu miegħu***
***lil dawk kollha li għalihom ġie***
***bħala Feddej.***
***Itlob għalina biex inqiegħdu***
***l-fiduċja kollha tagħna fih.***
***Amen.*** ♦






**Għawdex:** Abela Joanne, Agius Josianne, Attard Antoinette, Attard Carmel, Attard Sunta, Attard Victoria, Azzopardi Rose, Bajada Paul, Bajjada Giga, Barbara, Borg Doreen, Borg Grace, Borg Noel, Bugeja Jacquelene, Bugeja Theresa, Buttigeig Tjheresa, Buttigieg Guza, Buttigieg Carmel, Buttigieg Grace, Buttigieg Gracy, Buttigieg Lorenza, Buttigieg Nancy, Buttigieg Rita, Calleja Antonia, Calleja Emanuel, Calleja Fortunata, Camilleri Margaret, Camilleri Mary rose, Camilleri Mikchael, Camilleri Miriam, Camilleri Noel,Camilleri Pamela, Camilleri Pietru, Caruana Lilian, Cassar Christine, Cauchi Eugenio, Cauchi Eugenio, Cauchi Josette, Cauchi Neriku, Cauchi Raymond, Cefail Marija, Cini Anna, Cini Michael, Cini Rita, Cini Toni, Cremona Michael, Curmi Carmen, Farrugia Gorg, Farrugia Fortun, Fiteni Joe, Formosa Jeffrey Formosa Jeffrey, Galea Guza, Galea Carmen, Gauci Salvu, Grech Frances, Grech Jennifer, Grech Seml, Grima Anton, Grima Marija, Grima Mary, Grima Virginia, Grtech cetta, Hili Giorgine, Lupi Joe, Mercieca Gorg, Mercieca Lianne, Mercieca Sylvana, Mizzi Guzepp, Mizzi Jason, Muscat Jacquelene, Pace Rose Marie, Piscopo cetta, Piscopo Marija, Portelli Grace, Portelli Jonathan, Portelli Mario, Portelli Rita, Potelli Thereza, Refalo Victoria, Reynolds Antoinette, Said Maria Assunta, Said Nata, Saliba Catherine, Saliba Giovanna, Saliba Lucy, Salina Meireja, Sammut Maria, Spiteri Anthony, Spiteri John, Spiteri Margaret, Sultana Gia'inta, Sultana Carmela, Sultana Liza, Sultana Liza, Sultana Michael, Sultana Sylvia, Tabone Rita, Theuma Carolina, Vella Angelo, Vella Anthony, Vella Antonia, Vella Marija, Vella Rita, Vella Rose, Xerri Raymond, Xiberras Leli, Xuereb Carmen, Zammit Charlie, Zammit Maria.

**Malta:** Abela Anabelle, Abela Jesmond, Agius Charlie, Agius Giovanna, Agius Michael, Alfred, Aquilina Carmen, Aquilina Lucienne, Ashmore Mary, Attard Sylvia, B org Mark, Barbara Mariella, Bezzina George, Bonanno Sandra, Bonello Elaine, Bonello Rita, Borg Catherine, Borg Familja, Borg Katrine, Borg Rita, Bugeja George, Buttigieg Marija Stella, Buttigieg Rose, Cachia Antonia, Calleja Susanne, Camilleri Karmena, Camilleri Nadine, Carbone Ina, Caruana Roberta, Casruana Josette, Cassar Familja, Cassar Polly, Cauchi Carmelo, Cauchi Kevin, Coleiro Adrian, Cutajar Catherine, Cutajar Dominic, Damato Katie, De Giovanni Familja, Dimexh Analise, Doreen & Julian, Enriquez Paul, Fabri Rose, Ferrane Marlene, Formosa Noel, Galea James, Galea Josephine & Frank, Galea Rita, Gatt Raymonda, Gatt Victoria, Gauci Marija, Grech Anna, Grech Maris, Grech Martina, Grima Familja, Grixti Elija, Mallia Anthony, Mallia Nathalie, Mangion Joseph, Mercieca Catherine, Micallef John Paul, Mifsud Charles, Mifsud Joseph, Mizzi Veronika, Muscat Mary, Muscat Pina, Nappa Martha, Pace Mario, Perks Josephine, Puli Mary, Rodgers Patricia, Rosario, Sacco Antoinette, Saliba Maryanne, Sammut Clinton, Sammut Louis, Schembri Lorna & Charles, Sciberras Fr. Alfred, Sciberras Patrick, Seychell Maryanne, Spiteri Mikelina, Spiteri Vanna, Sultana Kathy, Tabone Doris, Tanti Joe, Tanti Mary, Taylor Laura, Vassallo Grace, Vella B ertu, Vella Mary, Write Stella, Xuereb Frances, Zammit Margaret, Zammit Marija.

(Ikompli f'paġna 36)



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

migbura minn Edward Depasquale

## Jannar - Marzu 2012

**Għawdex:** Attard Clive, Attard Clive, Attard Isaac, Attard Jeevan, Attard Margherita, Attard Mikela Marie, Attard Stephanie, Attard Yoanna, Azzopardi Joslanne, Azzopardi Lucan, Azzopardi Matthias, Bartolo Ylenia, Bonello Katrina, Borg Anthony, Borg Cristen, Borg Giuzeppe, Borg Julia, Borg Keilen, Borg Maria, Borg Sam, Bugeja Isaac, Bugeja Shirley Jo, Buttigieg Carlo, Buttigieg James, Buttigieg Kristina, Buttigieg Lauren, Camilleri Akim, Camilleri Alona, Camilleri Anna, Camilleri Jolene, Camilleri Katya, Camilleri Luke, Camilleri Maria, Camilleri Mason, Camilleri Sian Perisco, Camilleri Thea, Camilleri Travis, Cardona Elisa, Caruana Benjamin, Cassa Casha Loukis, Cini Alishia-May, Cini Maria, Cini Neil, Cremona Amy, Cremona Luke, Curmi Elena, Curmi Kris, Curmi Lizanne, Curmi Nicole Tia, Cutajar Christine, Cutajar Jerome, Debattista Maria, Debono Curmi Nina, Debono Kai, Ellis Kate, Farrugia George, Farrugia Irina, Farrugia Jerome, Farrugia Luke, Farrugia Martha, Farrugia Sarah, Formosa Adrian Jason, Galea Faith, Galea Martina, Gatt Jake, Gauci Katrina, Gauci Mathias, Grech Chanel, Grech Kate, Grech Marie Claire, Grech Renae, Grima Aiden, Grima Anna, Grima Izakk, Grima Jean Paul, Grima Juliana, Grima Kristen, Haber Julia, Haber Kaitlyn Marie, Hili Martina Ann, Laeo Luca Joseph, Lvella Ilaria, Micallef Ally, Micallef Eric, Mifsud Dilaila, Mifsud Luke, Muscat Kylie-Ann, Muscat Shaya, Musu Neal, Parnis Maria, Pisani Zac, Portelli Ana, Portelli Borg Tyrine, Portelli Katua Marie, Portelli Lucas Joe, Refalo Jake, Sacco Serena, Said Maria, Saliba Jayden, Sciberras Matthias, Scicluna Ellul Julia, Spiteri Samira, Sultana Abigail, Sultana Kimberly, Tabone Andreas, Tabone Krista Marie, Vella Beppe, Vella Hailey, Vella Kimberly, Vella Kristen, Vella Kyle, Vella Kyren, Vella Martina, Vella Shana, Vella Zac, Xerri Clive, Xuereb Aaliyah, Xuereb Margherita, Zammit Aiden, Zammit Julia.

**Malta:** Agius Katrina Karol, Agius Katrina Karol, Aquilina Antonio, Aquilina Jodie, Baldacchino Zoya, Baldacchino Zoya, Bonnici Kieran, Borg Delmar Jake, Borg Giorgio, Borg Jade, Borg Miguel Hose', Borg Mirya, Bugeja Matthias, Buttigieg Gile Gabriel, Camilleri Aisha, Coleiro Zachhau Luca, Cremona Pippa, Dyer Thomas, Falzon Liam, Farrugia Andreas, Farrugia Natalia Marie Farrugia Thomas, Farrugia Zen, Gafa Giulia Francesca, Gauci Justyne, Grech Martina, Grech Mercieca Amy, Grech Mercieca Julia, Grima Emma, Grima Ezekjel, Gusman Allende, Licari Kaiden, Mercieca Gian Luigi, Montebello Mattea, Muscat Camilleri Quinn, Muscat Laura, Muscat Martina Marie, Ormosa Maia, Pace Debono James, Pace Kimayra, Pollacco Sophia, Portelli Ian, Sacco Mintoff Erika, Scerri Charlize, Scerri Nachelle, Schembri Larissa, Scicluna Romina, Spiteri Zach, Xuereb Layane, Zahra Nikolai, Zammit Katrina.

---

(ikompli minn paġna 35)

## Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema

**Ewropa:** Borg Marija, Humphrey Fredrick, Langfeld Anke.

**Amerika:** Azzopardi Esther, Curmi Toni, Farrugia Salvina, Galea Mr. & Mrs., Said Doris, Sultana Grace.

**Awstralja:** Camilleri Mary, Cassar John, Catania Doris, Chircop Frances, Kathy, Jimmy & Family, Mercieca Roza, Merilak Mr. & Mrs., Portelli Jane, Sister Catherine.

# Agħti Sehmek

## *biex is-Santwarju Ta' Pinu jkompli jkun post ta' serħan spiritwali fi ħdan Marija*




**Bl-għajnuna tiegħek inkunu nistgħu nibdew l-ewwel fażi tal-Proġett**






**Ibgħat id-donazzjoni tiegħek permezz ta' Ċekk inidirizzat 'Santwarju Ta' Pinu' flimkien ma' ismek u l-indirizz lis-Santwarju Ta' Pinu, Ta' Pinu, Għarb, Għawdex GRB 1704, Malta, u tingħata dan il-poster bil-kulur tal-Madonna Ta' Pinu.**

*Noffri donazzjoni ta':* **€5.00*** **€10.00*** **€20.00*** **€50.00***

* *immarka kif jaqbel*

☐ ** biex nghin fir-restawr li qed isir fis-Santwarju.*

☐ ** biex nghin fl-ewwel fażi tal-Proġett il-ġdid.*

# Festa tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu




## Programm 2012

### L-ERBGĦA, 20 ta' Ġunju:
### Is-77 Anniversarju tal-Inkurunazzjoni tal-Kwadru

**Quddies:** 5.00, 6.00, 7.00, 8.30, 9.00am, 6.30pm u 8.00pm.

**11.00am:** Adorazzjoni Ewkaristika fil-Kappella tal-Madonna.

**5.30pm:** Quddiesa immexxija mid-Direttur ta' Radju Marija Patri Charles Fenech O.P. Xandira diretta fuq Radju Marija 102.3 FM Stereo.

**8.45pm:** Reċita tar-Rużarju *Aux Flambaux* immexxi minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.

### Il-ĦAMIS, 21 ta' Ġunju: Lejlet il-Festa

**Quddiesa:** 7.00am u 8.30am.

**6.30pm:** Translazzjoni u Pontifikal minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb. Waqt il-Pontifikal jitkanta l-Ewwel Għasar tal-Madonna. Janima l-kant il-Kor Stella Maris taħt it-tmexxija ta' Mro. Carmel P. Grech.

### IL-ĠIMGĦA, 22 ta' Ġunju: Jum il-Festa

**Quddiesa:** 5.00, 6.00, 7.00, u 11.15am.

**9.00am:** Pontifikal Solenni mmexxi mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech, flimkien mas-saċerdoti u r-reliġjużi ta' Malta u Għawdex. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni jitkanta t-*Te Deum* b'ringrazzjament lil Alla għal tant grazzji li xerred fuqna bl-interċessjoni ta' Ommna Marija. Fl-10.10 am issir is-Supplika tal-Madonna Ta' Pinu. Janima l-kant il-Kor Stella Maris taħt it-tmexxija ta' Mro. Carmel P. Grech. Xandira diretta fuq Radju Marija 102.3 FM Stereo, waqt li s-Supplika tkun imxandra wkoll fuq Radju RTK 103.0 / 97.8 FM Stereo.

**12.00-5.00pm:** Adorazzjoni fis-skiet fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu.

**5.30pm:** Quddiesa minn Mons. Carmelo Gauci bis-sehem tal-Grupp ta' Talb Madonna Ta' Pinu.

**6.30pm:** Quddiesa mmexxija minn Mons. Arċipriet Joseph Sultana flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb. Fil-Quddiesa jitkanta t-Tieni Għasar tal-Madonna. Janima l-Kor Parrokkjali tal-Għarb taħt it-tmexxija ta' Dun Michael Galea.

**8.00pm:** Pontifikal Solenni mmexxi mill-Arċisqof Emeritus, Mons. Ġużeppi Mercieca, f'għeluq is-60 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Janima l-kant il-Kor Nativitas taħt it-tmexxija tal-organista Ivan Attard. Xandira diretta fuq Radju RTK 103.0 / 97.8 FM Stereo.

**10.15pm:** Talba ta' Għeluq il-Jum u Barka Ewkaristika.

***STEDINA:*** *Is-Saċerdoti Maltin u Għawdxin huma mħeġġa li jikkonċelebraw f'xi wieħed mill-Pontifikali tat-22 ta' Ġunju. Dawk li ser jieħdu sehem huma mitluba li jġibu magħhom alba u l-pjaneta l-bajda ta' meta ġie l-Papa Benedittu XVI.*




NEWSPAPER POST